(11) Meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni minbarra rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-bank miftuħ. Il-kalibrazzjoni tal-MREL f'każ bħal dan jenħtieġ li tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġusta l-livell tal-MREL ***għall-entitajiet*** ta' riżoluzzjoni ***li l-pjan ta' riżoluzzjoni tagħhom jipprevedi l-bejgħ ta' għodda tan-negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq,*** jenħtieġ li l-Bord iqis il-karatteristiċi ta' dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta' strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta' dawk l-istrumenti, u d-disinn tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda ta' separazzjoni tal-assi. Peress li l-awtorità ta' riżoluzzjoni trid tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ dwar kwalunkwe użu possibbli fir-riżoluzzjoni ta' fondi mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti u peress li tali deċiżjoni ma tistax tiġi preżunta b'ċertezza ex ante, jenħtieġ li l-Bord ma jqisx il-kontribuzzjoni potenzjali tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti (f'riżoluzzjoni meta	(11) Meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tipprevedi l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni minbarra ***rikapitalizzazzjoni interna jew flimkien ma'*** rikapitalizzazzjoni interna, il-ħtiġijiet ta' rikapitalizzazzjoni tal-entità kkonċernata ġeneralment ikunu iżgħar wara r-riżoluzzjoni milli fil-każ ***tal-unika strateġija*** ta' rikapitalizzazzjoni interna tal-bank miftuħ. Il-kalibrazzjoni tal-MREL f'każ bħal dan jenħtieġ li tqis dak l-aspett meta jiġi stmat ir-rekwiżit ta' rikapitalizzazzjoni. Għalhekk, meta jaġġusta l-livell tal-MREL ***għal tali entitajiet*** ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li l-Bord iqis il-karatteristiċi ta' dawk l-għodod, inkluż il-perimetru mistenni tat-trasferiment lix-xerrej privat jew lill-istituzzjoni tranżitorja, it-tipi ta' strumenti li għandhom jiġu ttrasferiti, il-valur u l-kummerċjabbiltà mistennija ta' dawk l-istrumenti, u d-disinn tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta, inkluż l-użu komplementari tal-għodda ta' separazzjoni tal-assi ***jew kwalunkwe għodda oħra***. ***Fil-każ ta' għodda ta' trasferiment bi ħruġ mis-suq,*** peress li l-awtorità ta' riżoluzzjoni trid tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ dwar kwalunkwe użu possibbli fir-riżoluzzjoni ta' fondi mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti u peress li tali deċiżjoni ma tistax tiġi preżunta b'ċertezza ex ante, jenħtieġ li l-Bord ma jqisx il-kontribuzzjoni potenzjali tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti (f'riżoluzzjoni meta

jiġi kkalibrat il-livell tal-MREL.	jiġi kkalibrat il-livell tal-MREL.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tal-aġġustament tal-mira tal-MREL għall-ispeċifitajiet tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta jeħtieġ li jiġi implimentat b'mod orizzontali għall-għodod u għall-kombinazzjonijiet ta' għodod kollha.

Emenda 75
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Huwa meħtieġ li jiġu żgurati inċentivi ugwali biex jinbnew ammonti suffiċjenti ta' MREL għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jkunu soġġetti għal strateġiji ta' trasferiment kemm fir-riżoluzzjoni kif ukoll barra minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-istabbiliment tal-livell tal-MREL għall-istituzzjonijiet u għall-entitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri fil-kuntest ta' proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] isegwi l-istess regoli bħal dawk applikabbli għalihom L-istabbiliment tal-MREL għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħhom tipprevedi l-bejgħ tan-negozju jew it-trasferiment lil istituzzjoni tranżitorja li jwassal għall-ħruġ tagħhom mis-suq.	***imħassar***
[32] Direttiva 2014/49/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta'garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 2014/6/12, p. 149).	

Or. en

Emenda 76
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Fejn il-Bord jirrikjedi informazzjoni li hija meħtieġa għall-finijiet tal-aġġornament tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, it-tħejjija għar-riżoluzzjoni possibbli ta' entità jew it-twettiq ta' valwazzjoni, il-BĊE jew l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jipprovdu lill-Bord b'dik l-informazzjoni sal-punt li tkun disponibbli għalihom. Meta tali informazzjoni rilevanti ma tkunx diġà disponibbli għall-BĊE jew għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-Bord u l-BĊE jew tali awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti jenħtieġ li jikkooperaw u jikkoordinaw sabiex jiġbru l-informazzjoni li l-Bord iqis li hija neċessarja. Fil-kuntest ta' tali kooperazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet jiġbru l-informazzjoni meħtieġa filwaqt li jqisu kif xieraq il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Or. en

Emenda 77
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat ***potenzjalment għal*** kwalunkwe istituzzjoni jew entità***, irrispettivament mid-daqs u l-mudell tan-negozju tagħha, jekk*** l-għodod disponibbli	(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat ***għall-ġestjoni tal-falliment ta'*** kwalunkwe istituzzjoni jew entità ***li għandha valutazzjoni tal-interess pubbliku pożittiva, jiġifieri, meta***

skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal ***kwalunkwe*** istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

Or. en

Emenda 78
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat ***potenzjalment għal*** kwalunkwe istituzzjoni jew entità***, irrispettivament mid-daqs u l-mudell tan-negozju tagħha, jekk*** l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli.	(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat ***għall-ġestjoni tal-falliment ta'*** kwalunkwe istituzzjoni jew entità ***li għandha valutazzjoni tal-interess pubbliku pożittiv, jiġifieri, meta*** l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal ***kwalunkwe*** istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

Or. en

Emenda 79
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat potenzjalment għal kwalunkwe istituzzjoni jew entità**,**	(17) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub biex jiġi applikat potenzjalment għal kwalunkwe istituzzjoni jew entità,

irrispettivament mid-daqs u l-mudell tan-negozju tagħha, jekk l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

jekk l-għodod disponibbli skont il-liġi nazzjonali ma jkunux adegwati għall-immaniġġar tal-falliment tagħha. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

Or. en

Emenda 80
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-qafas ta' riżoluzzjoni huwa maħsub sabiex jimmaniġġja l-falliment ta' kwalunkwe istituzzjoni jew entità li jkollhom valutazzjoni tal-interess pubbliku pożittiv, jiġifieri meta l-għodod disponibbli skont id-dritt nazzjonali ma jkunux adegwati. Sabiex jiġi żgurat tali eżitu, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kriterji biex tiġi applikata l-valutazzjoni tal-interess pubbliku għal istituzzjoni jew entità li qed tfalli.

Or. en

Emenda 81
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti	***imħassar***

huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti jenħtieġ li jitqies bħala miksub aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.

Or. en

Emenda 82
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti jenħtieġ li jitqies bħala miksub aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 83
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti ***l-kunsiderazzjoni*** li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti ***u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti jenħtieġ li jitqies bħala miksub aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.***	(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti***, fost fatturi oħrajn, il-kunsiderazzjoni*** li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti ***wara valutazzjoni olistika.***

Or. en

Emenda 84
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti ***u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat***. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, ***l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni*** tad-depożitanti ***jenħtieġ li jitqies*** bħala ***miksub*** aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.	(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, ***il-protezzjoni*** tad-depożitanti ***tista' titqies*** bħala ***miksuba*** aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.

Or. en

Emenda 85
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti ***u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat***. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, ***l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti*** jenħtieġ li jitqies ***bħala miksub*** aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.	(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti***, fost fatturi oħrajn,*** l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti ***wara valutazzjoni olistika***. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, jenħtieġ li jitqies ***li l-protezzjoni tad-depożitanti tista' tinkiseb*** aħjar***, skont il-każijiet,*** f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti.

Or. en

Emenda 86
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti jintużaw b'mod aktar effiċjenti u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti jenħtieġ li jitqies bħala miksub aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja ***għall-iskema***	(18) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità tkunx fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti l-kunsiderazzjoni li d-depożitanti huma protetti aħjar meta l-fondi tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti ***("SGD")*** jintużaw b'mod aktar effiċjenti u t-telf għal dawk il-fondi jiġi mminimizzat. Għalhekk, fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku, l-objettiv ta' riżoluzzjoni tal-protezzjoni tad-depożitanti ***koperti*** jenħtieġ li jitqies bħala miksub aħjar f'riżoluzzjoni jekk l-għażla għall-insolvenza tkun aktar għalja ***għall-***

ta' garanzija tad-depożiti. ***SGD***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġu rikonoxxuti t-tipi kollha ta' depożiti fil-valutazzjoni tal-interess pubbliku. Pereżempju, il-kumpaniji kbar jew, fil-futur, il-korpi tal-gvern, ma jirrikjedu l-ebda protezzjoni li tingħata lilhom bil-preferenza għad-depożitant ġenerali. Għall-kuntrarju ta' dan, it-trattament ta' livell uniku x'aktarx joħloq periklu morali min-naħa tad-depożitant. Minħabba dawn ir-raġunijiet, ma huwiex ġustifikat trattament speċjali tad-depożiti kollha, u għalhekk għandu jkun ibbażat fuq id-depożiti koperti.

Emenda 87
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) u, min-naħa l-oħra, finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva ta' għajnuna mill-Istat, kull għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja hija għajnuna mill-Istat, kemm jekk tiġi mill-baġit ta' Stat Membru kif ukoll jekk le. Ma hemm l-ebda ħtieġa li nisseparaw il-każijiet differenti ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja.

Emenda 88
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) u, min-naħa l-oħra, finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. ***Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq.*** Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) u, min-naħa l-oħra, finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri. ***Madankollu, jenħtieġ li dan ma jwassalx għall-aspettattiva li r-rekwiżiti ta' kondivižjoni tal-pižijiet se jitnaqqsu peress li l-kondivižjoni tal-pižijiet minn azzjonisti u kredituri jenħtieġ li tibqa' sors primarju ta' finanzjament.***

Or. en

Emenda 89
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll***, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta'*** xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) ***u, min-naħa l-oħra,*** finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll ***il-prijoritizzazzjoni li jintużaw*** xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) ***minflok*** finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti***, ħlief f'ċirkostanzi straordinarji ta' natura sistemika jew li jappartjenu għal taqlib ekonomiku kbir ħafna***. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.

Or. en

Emenda 90
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li	(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li

tirrifletti wkoll***, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta'*** xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) ***u, min-naħa l-oħra,*** finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	tirrifletti wkoll ***il-prijoritizzazzjoni li jintużaw*** xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) ***minflok*** finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti***, ħlief f'ċirkostanzi straordinarji ta' natura sistemika jew li jappartjenu għal taqlib ekonomiku kbir ħafna***. Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.
	Or. en

Emenda 91
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) u, min-naħa l-oħra, finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. ***Il-finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri jġarrab riskju ogħla ta' periklu morali u inċentiv aktar baxx għad-dixxiplina fis-suq.***	(19) Il-valutazzjoni ta' jekk ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni jew ta' entità hijiex fl-interess pubbliku jenħtieġ li tirrifletti wkoll, sa fejn ikun possibbli, id-differenza bejn, minn naħa, il-finanzjament ipprovdut permezz ta' xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija (arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti) u, min-naħa l-oħra, finanzjament ipprovdut mill-Istati Membri minn flus il-kontribwenti. Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord

Għalhekk, meta jivvaluta l-objettiv li jimminimizza d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja, jenħtieġ li l-Bord isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri.	isib finanzjament permezz tal-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, preferibbli għall-finanzjament permezz ta' ammont ugwali ta' riżorsi mill-baġit tal-Istati Membri. ***Madankollu, il-kondiviżjoni tal-piżijiet minn azzjonisti u kredituri jrid jibqa' s-sors primarju ta' finanzjament.***

Or. en

Emenda 92
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv biss meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv u mhux biss bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 93
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv biss meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità	***imħassar***

li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni b'mod aktar effettiv u mhux biss bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 94
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li ***l-eżitu tal-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jkun negattiv biss meta*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaq*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv u mhux biss*** bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, ***il-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jqis jekk*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaqx*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 95
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li ***l-eżitu tal-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jkun negattiv biss meta*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaq*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv u mhux biss*** bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, ***il-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jqis jekk*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaqx*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 96
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li ***l-eżitu tal-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jkun negattiv biss meta*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaq*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv u mhux biss*** bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, ***il-valutazzjoni*** tal-interess pubbliku ***jqis jekk*** l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza ***jilħaqx*** l-objettivi ta' riżoluzzjoni bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 97
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv ***biss*** meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv u*** mhux biss bl-istess mod ***bħar-riżoluzzjoni***.	(20) Sabiex jiġi żgurat li l-objettivi ta' riżoluzzjoni jintlaħqu bl-aktar mod effettiv, jenħtieġ li l-eżitu tal-valutazzjoni tal-interess pubbliku jkun negattiv meta l-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità li qed tfalli taħt proċedimenti normali ta' insolvenza jilħaq l-objettivi ta' riżoluzzjoni mhux biss bl-istess mod ***bħal fil-każ ta' riżoluzzjoni***.

Or. en

Emenda 98
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni, l-interventi ta' skemi bħal dawn fil-kuntest ta' miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b'mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet sabiex titqies bħala li qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares 'il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta' jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tkun stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi	(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE ***u mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar jekk miżura preventiva tikkostitwixxix fuq kollox għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja***, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura ***preventiva*** prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni, l-interventi ta' skemi bħal dawn fil-kuntest ta' miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b'mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet sabiex titqies bħala li qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares 'il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta' jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE)

indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi jew l-iskemi ta' garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta' diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti.	2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tkun stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi jew l-iskemi ta' garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta' diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li l-ebda waħda mir-regoli introdotti ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari l-Artikolu 18a tal-abbozz tal-SRMR, ma hija maħsuba li tikklassifika miżura kawtelatorja nnifisha bħala għajnuna mill-Istat. Għandu għalhekk jiġi ċċarat li din il-kwistjoni tibqa' mhux affettwata.

Emenda 99
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni,	(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni,

l-interventi ta’ skemi bħal dawn fil-kuntest ta’ miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b’mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ***ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet sabiex titqies bħala li qiegħda tfalli*** jew x’aktarx ***tfalli***. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta’ rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares ’il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta’ jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta’ fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta’ fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika ***tkun stabbilita*** fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi jew l-iskemi ta’ garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta’ diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta’ miżuri ta’ assi indeboliti.

l-interventi ta’ skemi bħal dawn fil-kuntest ta’ miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b’mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ***ma tkunx ġiet iddikjarata bħala li qiegħda tfalli jew x’aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri ta’ prekawzjoni jittieħdu kmieni biżżejjed meta jkun hemm falliment*** jew x’aktarx ***li jkun hemm falliment***. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta’ rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares ’il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta’ jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta’ fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta’ fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tkun ***riveduta*** fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi jew l-iskemi ta’ garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta’ diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta’ miżuri ta’ assi indeboliti.

Or. en

Emenda 100
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni, l-interventi ta' skemi bħal dawn fil-kuntest ta' miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b'mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ma ***tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet sabiex titqies*** bħala li qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares 'il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta' jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tkun ***stabbilita*** fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi	(21) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/49/UE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati aktar il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jingħataw b'mod eċċezzjonali miżuri ta' natura prekawzjonarja li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja. Sabiex jiġu mminimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mid-differenzi fin-natura tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni, l-interventi ta' skemi bħal dawn fil-kuntest ta' miżuri preventivi li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2014/49/UE li jikkwalifikaw bħala għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja jenħtieġ li jkunu permessi b'mod eċċezzjonali meta l-istituzzjoni jew l-entità benefiċjarja ma ***tkunx ġiet iddikjarata*** bħala li qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri kawtelatorji jittieħdu minn kmieni biżżejjed. Bħalissa l-BĊE jibbaża l-kunsiderazzjoni tiegħu li istituzzjoni jew entità tkun solventi, għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, fuq valutazzjoni li tħares 'il quddiem għat-12-il xahar segwenti ta' jekk l-istituzzjoni jew l-entità tistax tikkonforma mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fir-Regolament (UE) 2019/2033, u mar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali stabbilit fid-Direttiva 2013/36/UE jew fid-Direttiva (UE) 2019/2034. Jenħtieġ li dik il-prattika tkun ***riveduta*** fir-Regolament (UE) Nru 806/2014. Barra minn hekk, il-miżuri sabiex jiġi pprovdut salvataġġ għal assi indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar

indeboliti, inklużi l-vetturi tal-immaniġġjar tal-assi jew l-iskemi ta' garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta' diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti.	tal-assi jew l-iskemi ta' garanzija tal-assi, jistgħu jkunu effettivi u effiċjenti fl-indirizzar tal-kawżi ta' diffikultà finanzjarja possibbli li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet u fil-prevenzjoni tal-falliment tagħhom u, għalhekk, jistgħu jikkostitwixxu miżuri kawtelatorji rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi speċifikat li tali miżuri kawtelatorji jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti.

Or. en

Emenda 101
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Sabiex tiġi ***ppreservata*** d-dixxiplina fis-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri kawtelatorji jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss sabiex jindirizzaw tfixkil serju fis-suq jew sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri kawtelatorji sabiex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew probabbli. L-aktar strument affidabbli sabiex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ***talParlament*** Ewropew u tal-Kunsill[34] jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jużaw tali rieżami sabiex jidentifikaw telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab jekk tali rieżami jkun jista' jitwettaq fi ħdan perjodu	(22) Sabiex tiġi ***ppreżervata*** d-dixxiplina fis-suq, jiġu protetti l-fondi pubbliċi u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, jenħtieġ li l-miżuri kawtelatorji jibqgħu l-eċċezzjoni u jiġu applikati biss sabiex jindirizzaw tfixkil serju fis-suq jew sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja ***u jintużaw biss fondi disponibbli fi xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija***. Barra minn hekk, jenħtieġ li ma jintużawx miżuri kawtelatorji sabiex jiġi indirizzat it-telf imġarrab jew probabbli. L-aktar strument affidabbli sabiex jiġi identifikat it-telf imġarrab jew li x'aktarx jiġġarrab huwa rieżami tal-kwalità tal-assi mill-BĊE, mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (l-Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ***tal-Parlament*** Ewropew u tal-Kunsill jew mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jużaw tali rieżami sabiex jidentifikaw telf

ta’ żmien raġonevoli. Meta dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jidentifikaw telf imġarrab jew li x’aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, fuq il-bażi ta’ spezzjonijiet fuq il-post, meta dan ikun xieraq.

imġarrab jew li x’aktarx jiġġarrab jekk tali rieżami jkun jista’ jitwettaq fi ħdan perjodu ta’ żmien raġonevoli. Meta dan ma jkunx possibbli, jenħtieġ li l-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jidentifikaw telf imġarrab jew li x’aktarx jiġġarrab bl-aktar mod affidabbli possibbli fiċ-ċirkostanzi prevalenti, fuq il-bażi ta’ spezzjonijiet fuq il-post, meta dan ikun xieraq.

---

[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

[34] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 li jistabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Or. en

Emenda 102
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Ir-rikapitalizzazzjoni ta’ prekawzjoni għandha l-għan li tappoġġa lil istituzzjonijiet u lil entitajiet vijabbli identifikati bħala li x’aktarx jiltaqgħu ma’ diffikultajiet temporanji fil-futur qarib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, il-miżuri kawtelatorji mogħtijin fil-forma ta’ akkwist ta’ strumenti ta’ fondi proprji jew ta’ strumenti kapitali oħrajn jew permezz ta’ miżuri ta’ assi indeboliti jenħtieġ li ma jaqbżux l-ammont neċessarju sabiex jiġu koperti d-defiċits ta’ kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta’ stress test jew ta’ eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi	(23) Ir-rikapitalizzazzjoni ta’ prekawzjoni għandha l-għan li tappoġġa lil istituzzjonijiet u lil entitajiet vijabbli identifikati bħala li x’aktarx jiltaqgħu ma’ diffikultajiet temporanji fil-futur qarib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw sussidji pubbliċi lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, il-miżuri kawtelatorji mogħtijin fil-forma ta’ akkwist ta’ strumenti ta’ fondi proprji jew ta’ strumenti kapitali oħrajn jew permezz ta’ miżuri ta’ assi indeboliti jenħtieġ li ma jaqbżux l-ammont neċessarju sabiex jiġu koperti d-defiċits ta’ kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta’ stress test jew ta’ eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi

żgurat li l-finanzjament pubbliku jitwaqqaf fl-aħħar mill-aħħar, jenħtieġ li dawk il-miżuri kawtelatorji jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ). ***L-istrumenti perpetwi, inkluż il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jkunu soġġetti għal ċerti limiti kwantitattivi minħabba li min-natura tagħhom ma humiex adattati sew għall-konformità mal-kundizzjoni ta' temporanjetà.***

żgurat li l-finanzjament pubbliku jitwaqqaf fl-aħħar mill-aħħar, jenħtieġ li dawk il-miżuri kawtelatorji jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ).

Or. en

Emenda 103
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Ir-rikapitalizzazzjoni ta' prekawzjoni għandha l-għan li tappoġġa lil istituzzjonijiet u lil entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qarib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw ***sussidji pubbliċi*** lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, il-miżuri kawtelatorji mogħtijin fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti jenħtieġ li ma jaqbżux l-ammont neċessarju sabiex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' stress test jew ta' eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku jitwaqqaf fl-aħħar mill-aħħar, jenħtieġ li dawk il-miżuri kawtelatorji jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-terminazzjoni tagħhom (strateġija ta'	(23) Ir-rikapitalizzazzjoni ta' prekawzjoni għandha l-għan li tappoġġa lil istituzzjonijiet u lil entitajiet vijabbli identifikati bħala li x'aktarx jiltaqgħu ma' diffikultajiet temporanji fil-futur qarib u li tipprevjeni s-sitwazzjoni tagħhom milli tkompli tiddeterjora. Sabiex jiġi evitat li jingħataw ***fondi ta' xbieki ta' sikurezza tal-industrija*** lil negozji li diġà ma jagħmlux profitt meta jingħata l-appoġġ, il-miżuri kawtelatorji mogħtijin fil-forma ta' akkwist ta' strumenti ta' fondi proprji jew ta' strumenti kapitali oħrajn jew permezz ta' miżuri ta' assi indeboliti jenħtieġ li ma jaqbżux l-ammont neċessarju sabiex jiġu koperti d-defiċits ta' kapital kif identifikati fix-xenarju avvers ta' stress test jew ta' eżerċizzju ekwivalenti. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament pubbliku jitwaqqaf fl-aħħar mill-aħħar, jenħtieġ li dawk il-miżuri kawtelatorji jkunu wkoll limitati fiż-żmien u jkun fihom skeda ta' żmien ċara għat-

ħruġ). L-istrumenti perpetwi, inkluż il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jkunu soġġetti għal ċerti limiti kwantitattivi minħabba li min-natura tagħhom ma humiex adattati sew għall-konformità mal-kundizzjoni ta' temporanjetà.

terminazzjoni tagħhom (strateġija ta' ħruġ). L-istrumenti perpetwi, inkluż il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jenħtieġ li jintużaw biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jkunu soġġetti għal ċerti limiti kwantitattivi minħabba li min-natura tagħhom ma humiex adattati sew għall-konformità mal-kundizzjoni ta' temporanjetà.

Or. en

Emenda 104
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Jenħtieġ li l-miżuri kawtelatorji jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn iżżomm is-solvenza tagħha f'każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat fi stress test jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont sabiex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, dment li ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa neċessarju wkoll li jiġi żgurat li tali miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li huma jirrestawraw il-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, dik l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu neċessarju u li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet ikkonċernati, f'każ ta' miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, iqisu l-gwida speċifika, inklużi l-Pjan ta' Azzjoni tal-AMC[35] u lKomunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self	(24) Jenħtieġ li l-miżuri kawtelatorji jkunu limitati għall-ammont li l-istituzzjoni jew l-entità jkollha bżonn iżżomm is-solvenza tagħha f'każ ta' avveniment ta' xenarju avvers kif iddeterminat fi stress test jew f'eżerċizzju ekwivalenti. Fil-każ ta' miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, jenħtieġ li l-istituzzjoni jew l-entità riċeventi tkun tista' tuża dak l-ammont sabiex tkopri t-telf fuq l-assi ttrasferiti jew flimkien ma' akkwiżizzjoni ta' strumenti kapitali, dment li ma jinqabiżx l-ammont globali tad-defiċit identifikat. Huwa neċessarju wkoll li jiġi żgurat li tali miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti jikkonformaw mar-regoli eżistenti dwar l-għajnuna mill-Istat u mal-aħjar prattiki, li huma jirrestawraw il-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni jew tal-entità, dik l-għajnuna mill-Istat tkun limitata għall-minimu neċessarju u li jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni. Għal dawk ir-raġunijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet ikkonċernati, f'każ ta' miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti, iqisu l-gwida speċifika, inklużi l-Pjan ta' Azzjoni tal-AMC[35] u lKomunikazzjoni dwar l-Indirizzar ta' Self

Improduttiv[36] . Dawk il-miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà wkoll. Il-garanziji pubbliċi mogħtijin għal perjodu speċifikat fir-rigward tal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennijin jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà meta mqabblin mat-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament. ***Sabiex jiġi żgurat il-ħruġ mis-suq ta' istituzzjonijiet u ta' entitajiet li jirriżulta li ma jkunx vijabbli, minkejja l-appoġġ riċevut, huwa neċessraju li jiġi stabbilit li n-nuqqas ta' konformità mill-istituzzjoni jew mill-entità kkonċernata mat-termini tal-miżuri ta' appoġġ speċifikati fiż-żmien li jkunu ngħataw tali miżuri għandu jirriżulta li l-istituzzjoni jew l-entità kkonċernata titqies li qiegħda tfalli jew x'aktarx tfalli.***	Improduttiv[36] . Dawk il-miżuri kawtelatorji fil-forma ta' miżuri ta' assi indeboliti dejjem jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-kundizzjoni prevalenti ta' temporanjetà wkoll. Il-garanziji pubbliċi mogħtijin għal perjodu speċifikat fir-rigward tal-assi indeboliti tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata huma mistennijin jiżguraw konformità aħjar mal-kundizzjoni ta' temporanjetà meta mqabblin mat-trasferimenti ta' tali assi lil entità appoġġata pubblikament.
[35] COM(2018)133 final.	[35] COM(2018)133 final.
[36] COM(2020)822 final.	[36] COM(2020)822 final.

Or. en

Emenda 105
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità inklużi l-fondi proprji, il-Bord jista' juża sorsi addizzjonali ta' finanzjament sabiex jappoġġa aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tagħha. Jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod aktar ċar f'liema	***imħassar***

ċirkostanzi l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jista' jipprovdi appoġġ ulterjuri meta l-obbligazzjonijiet kollha bi gradazzjoni ta' prijorità aktar baxxa minn depożiti li ma jkunux legalment jew diskrezzjonalment eskluži minn rikapitalizzazzjoni interna jkunu ġew valwati negattivament jew ġew ikkonvertiti bis-shiħ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġi rieżaminat il-qafas attwali dwar dan il-punt.

Emenda 106
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità inklużi l-fondi proprji, il-Bord jista' juża sorsi addizzjonali ta' finanzjament sabiex jappoġġa aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tagħha. ***Jenħtieġ li jiġi speċifikat b'mod aktar ċar f'liema ċirkostanzi l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jista' jipprovdi appoġġ ulterjuri meta l-obbligazzjonijiet kollha bi gradazzjoni ta' prijorità aktar baxxa minn depożiti li ma jkunux legalment jew diskrezzjonalment eskluži minn rikapitalizzazzjoni interna jkunu ġew valwati negattivament jew ġew ikkonvertiti bis-shiħ.***	(31) F'ċerti ċirkostanzi, wara li l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jkun ipprovda kontribuzzjoni sa massimu ta' 5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tal-entità inklużi l-fondi proprji, il-Bord jista' juża sorsi addizzjonali ta' finanzjament sabiex jappoġġa aktar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 107
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità istituzzjonali u l-akkumulu ta' għarfien espert istituzzjonali, il-President, jenħtieġ li l-Viċi-President u l-membri l-oħrajn full-time tal-Bord jitħallew iservu għal żewġ mandati konsekuttivi fil-karigi rispettivi tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġġedded il-mandat tagħhom għal mandat ta' ħames snin, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom matul l-ewwel mandat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 108
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Sabiex jiġu żgurati l-kontinwità istituzzjonali u l-akkumulu ta' għarfien espert istituzzjonali, il-President, jenħtieġ li l-Viċi-President u l-membri l-oħrajn full-time tal-Bord jitħallew iservu għal żewġ mandati konsekuttivi fil-karigi rispettivi tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġġedded il-mandat tagħhom għal mandat ta' ħames snin, fuq il-bażi ta' evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom matul l-ewwel mandat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 109
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, ***il-mezzi finanzjarji disponibbli tiegħu jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell fil-mira tiegħu, b'mod partikolari li jirriżulta minn żieda fid-depożiti koperti. Għalhekk, l-ammont ta'*** kontribuzzjonijiet ex ante ***li x'aktarx jintalbu f'dawk iċ-ċirkostanzi x'aktarx li jkun żgħir. Għaldaqstant, jista' jkun possibbli li, wara xi snin, l-ammont ta' dawk il-kontribuzzjonijiet ex ante ma jibqax proporzjonat meta mqabbel mal-kost tal-ġbir ta' dawk il-kontribuzzjonijiet***. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jiddifferixxi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante għal sena jew aktar sakemm l-ammont li għandu jingħabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kost tal-proċess tal-ġbir, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.***	(37) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, ***il-ġbir ta'*** kontribuzzjonijiet ex ante ***jieqaf ladarba l-livell fil-mira ta' 1 % ta' depożiti koperti jkun intlaħaq***.

Or. en

Emenda 110
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, ***il-mezzi***	(37) Wara l-perjodu inizjali ta' akkumulazzjoni tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, ***il-ġbir***

finanzjarji disponibbli tiegħu jistgħu jiffaċċjaw tnaqqis żgħir taħt il-livell fil-mira ***tiegħu, b'mod partikolari li jirriżulta minn żieda fid-depożiti*** koperti. ***Għalhekk, l-ammont ta' kontribuzzjonijiet ex ante li x'aktarx jintalbu f'dawk iċ-ċirkostanzi x'aktarx li jkun żgħir. Għaldaqstant, jista' jkun possibbli li, wara xi snin, l-ammont ta' dawk il-kontribuzzjonijiet ex ante ma jibqax proporzjonat meta mqabbel mal-kost tal-ġbir ta' dawk il-kontribuzzjonijiet***. ***Għalhekk, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jiddifferixxi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet ex ante għal sena jew aktar sakemm l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kost tal-proċess tal-ġbir, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.***

regolari ta' kontribuzzjonijiet jieqaf meta l-livell fil-mira ***ta' 1 % tal-ammont ta' depożiti*** koperti ***tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri kollha jintlaħaq għall-ewwel darba***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The purpose of this amendment is to clarify that the regular collection of contributions ends when the financial means of the Single Resolution Fund reaches the target level (1 % of the amount of covered deposits of all credit institutions authorised in all of the participating Member States) for the first time at the end of the initial build-up period. The target level is not "dynamic".With regard to the Single Resolution Fund in particular, it should be noted: The level to be achieved by the end of 2023, around 78 billion euros, is already around 40% higher than the originally envisaged target level, which was previously considered sufficient. This increase has on no account been the result of an increase in the willingness of banks to take more risks – as noted by, among others, the SRB. It is solely due to an increase in covered deposits. By keeping this mandatory contribution in place, the fund would be considerably more overcapitalised than it already is today.

Emenda 111
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-impenji ta' pagament irrevokabbli huma wieħed mill-komponenti	(38) L-impenji ta' pagament irrevokabbli huma wieħed mill-komponenti

tal-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jissejħu dawk l-impenji ta' pagament, u l-proċedura applikabbli meta jintemmu l-impenji f'każ li istituzzjoni jew entità ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu pprovduti aktar trasparenza u ċertezza firrigward tas-sehem tal-impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ex ante li għandhom jingħabru, jenħtieġ li l-Bord ***jiddetermina*** tali sehem ***fuq bażi annwali, soġġett għal-limiti applikabbli***.	tal-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġu speċifikati ċ-ċirkostanzi li fihom jistgħu jissejħu dawk l-impenji ta' pagament, u l-proċedura applikabbli meta jintemmu l-impenji f'każ li istituzzjoni jew entità ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu pprovduti aktar trasparenza u ċertezza firrigward tas-sehem tal-impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet ex ante li għandhom jingħabru, jenħtieġ li l-Bord ***jagħti*** tali sehem ***fl-ammont shih kif speċifikat fl-Artikolu 70(3) tar-Regolament Nru 806/2014***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex iżżid is-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli (Artikolu 70(3)) hija, fil-prinċipju, idea tajba, madankollu d-deċiżjoni biex dan jingħata u dwar l-ammont tas-sehem tal-IPC jibqa' soġġett għad-diskrezzjoni tal-Bord. Sabiex jittejbu l-kapaċitajiet ta' ppjanar, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom dejjem l-opzjoni li jużaw l-IPCs għal ammont ta' 50 %.

Emenda 112
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jista' jintuża sabiex jappoġġa l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja, meta sett ta' assi, ta' drittijiet, u ta' obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jiġu ttrasferiti lil riċevitur. F'dak il-każ, il-Bord jista' jkollu pretensjoni kontra l-istituzzjoni jew kontra l-entità residwa fl-istralċ sussegwenti tagħha taħt proċedimenti	***imħassar***

normali ta' insolvenza. Dan jista' jseħħ meta l-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jintuża b'rabta mat-telf li l-krediturikieku kienu jġarrbu, inkluż taħt il-forma ta' garanziji għall-assi u għall-obbligazzjonijiet, jew il-kopertura tad-differenza bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet ittrasferiti. Sabiex jiġi żgurat li l-azzjonisti u l-krediturili jitħallew lura fl-istituzzjoni jew fl-entità residwa jassorbu effettivament it-telf tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u jtejbu l-possibbiltà ta' ripagamenti f'insolvenza lill-Bord, dawk il-pretensjonijiet tal-Bord kontra l-istituzzjoni jew kontra l-entità residwa, u l-pretensjonijiet li jirriżultaw minn spejjeż raġonevoli mġarrbin kif xieraq mill-Bord, jenħtieġ li jibbenefikaw mill-istess gradazzjoni ta' prijorità fl-insolvenza bħall-klassifikazzjoni tal-pretensjonijiet tal-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni f'kull Stat Membru parteċipanti, li jenħtieġ li tkun ogħla mill-gradazzjoni ta' prijorità tad-depożiti u tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti. Billi l-kumpensi mħallsa lill-azzjonisti u lill-krediturimill-Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni minħabba ksur tal-prinċipju li "l-ebda kreditur ma jmur agħar" għandhom l-għan li jikkumpensaw għar-riżultati tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li dawk il-kumpensi ma jagħtux lok għal pretensjonijiet tal-Bord.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz ta' fondi ta' garanzija tad-depożiti (li hija indirizzata permezz ta' referenza għall-abbozz tal-BRRD) għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Għalhekk, ir-regoli korrispondenti kollha li jwasslu għall-eżawriment tal-SGD għandhom jitħassru.

Emenda 113
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Minħabba r-rieżami tal-ġerarkija tal-krediturі, il-kundizzjonijiet tas-suq jistgħu ma jkunux daqshekk favorevoli għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti li jfittxu tali arranġamenti alternattivi ta' finanzjament. Għalhekk, biex jiġi pprevenut finanzjament temporanju mill-Istati Membri, u jiġi żgurat li jibqa' tal-aħħar istanza, il-Bord jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi linja ta' kreditu jew garanzija bbażata fuq il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għal skema ta' garanzija tad-depożiti sabiex jiffaċilita l-aċċess tiegħu għas-swieq b'kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli. L-appoġġ tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut meta l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tkun meħtieġa biex tintervjeni fir-riżoluzzjoni, iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' tali azzjoni.

Or. en

Emenda 114
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Minħabba r-rieżami tal-ġerarkija tal-krediturі, il-kundizzjonijiet tas-suq jistgħu ma jkunux daqshekk favorevoli għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti li jfittxu tali arranġamenti alternattivi ta' finanzjament. Għalhekk, biex jiġi pprevenut finanzjament temporanju mill-

Istati Membri, u biex jiġi żgurat li jibqa' tal-aħħar istanza, il-Bord jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi garanzija bbażata fuq il-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għal skema ta' garanzija tad-depożiti sabiex jiffaċilita l-aċċess tiegħu għas-swieq b'kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli. L-appoġġ tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jenħtieġ li jiġi pprovdut meta l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tkun meħtieġa biex tintervjeni fir-riżoluzzjoni, iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' tali azzjoni.

Or. en

Emenda 115
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(40a) Minkejja li ntlaħaq qbil dwar l-introduzzjoni mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) ta' garanzija ta' kontinġenza għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, l-implimentazzjoni tagħha għadha ma twettqitx. Il-funzjoni addizzjonali tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni li jipprovdi garanziji għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għalhekk tiġġustifika salvagwardji addizzjonali għal tal-ewwel, bħar-ratifika tal-garanzija ta' kontinġenza tal-MES għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Or. en

Emenda 116
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Peress li xi whud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar ir-rwol li jista' jkollhom l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti fir-riżoluzzjoni huma simili għal dawk tad-Direttiva 2014/59/UE, l-emendi li saru għal dawk id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2014/59/UE bi [OP jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Direttiva li temenda d-Direttiva 2014/59/UE] jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (UE) Nru 806/2014.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni proposta tal-kofinanzjament permezz ta' fondi ta' garanzija tad-depożiti (li hija indirizzata permezz ta' referenza għall-abbozz tal-BRRD) għandha tiġi miċħuda. B'mod partikolari flimkien mal-estensjoni proposta tal-protezzjoni tad-depożitanti għal depożiti mhux protetti - li tmur kontra l-mandat - din jista' jkollha effetti serji fuq ir-rekwiżiti ta' finanzjament u twassal għal eżawriment finanzjarju tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti. Għalhekk, ir-regoli korrispondenti kollha li jwasslu għall-eżawriment tal-SGD għandhom jitħassru.

Emenda 117
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 41a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) Peress li l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti jinkludu kompiti u responsabbiltajiet addizzjonali u filwaqt li jitqies li implikazzjoni diretta waħda ta' dan ir-rieżami tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-UE u tal-qafas tal-assigurazzjoni tad-depożitu, hija li l-fondi SGD jsiru aktar disponibbli għal riżoluzzjoni, ir-riskji li

jkunu eżawriti totalment jew parzjalment jiżdied. Għalhekk issa huwa ż-żmien li ngħaddu għal mudell aktar Ewropizzat, fejn fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti huwa stabbilit, iffinanzjat minn SGD nazzjonali u ġestit mill-Bord sabiex jipprovdi self għal SGD nazzjonali eżawriti jew kważi eżawriti. Il-kontribuzzjonijiet għal dan il-fond jenħtieġ li jiġu kkalkolati skont metodoloġija bbażata fuq ir-riskju. L-SGD nazzjonali jenħtieġ li jinforma lill-Bord minn kmieni jekk jantiċipa li jkun jeħtieġ rikors għal-linja ta' kreditu tal-UE offruta mid-DIF.

Or. en

Emenda 118
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 41b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41b) Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tħejji rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tivvaluta jekk u taħt liema modalitajiet il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jkopri telf imġarrab minn SGD nazzjonali.

Or. en

Emenda 119
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Il-Fond jenħtieġ li jiggarantixxi livelli għoljin ta' trasparenza biex jissalvagwardja kif xieraq l-interess pubbliku, b'mod partikolari meta r-riżorsi pubbliċi jintużaw għall-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni, u għalhekk jenħtieġ li jagħmel ħiltu biex jippubblika rapporti regolari dwar il-proċessi ta' riżoluzzjoni li għalihom intużaw dawk ir-riżorsi, filwaqt li jsemmi l-ammont totali, l-ammonti mħallsa lura u l-perjodu ta' żmien għal ripagamenti futuri.

Or. pt

Emenda 120
Pedro Marques, Jonás Fernández, Aurore Lalucq, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 24

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-punt (24) huwa sostitwit b'dan li ġej:
"(24) grupp ***transkonfinali***" tfisser grupp li ***għandu*** entitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 2 stabbiliti f'aktar minn Stat Membru parteċipanti wieħed;	"(24) grupp ***transfruntier***" tfisser grupp li ***l-impriża prinċipali u mill-inqas waħda mis-sussidjarji tagħha huma*** entitajiet kif imsemmija fl-Artikolu 2 stabbiliti f'aktar minn Stat Membru parteċipanti wieħed; ***"***

Or. en

(Regolament (UE) Nru 806/2014)

Emenda 121
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 55a – 55c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	(55a) "bank promozzjonali" tfisser kwalunkwe impriża jew entità stabbilita mill-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali ta' Stat Membru, li tagħti self promozzjonali jew tagħti garanziji promozzjonali, li l-għan ewlieni tagħha ma huwiex li tagħmel qligħ jew li żżid kemm jista' jkun is-sehem mis-suq iżda li tippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' dak il-gvern, bil-kondizzjoni li, soġġett għal regoli dwar għajnuna mill-Istat, dak il-gvern ikollu l-obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-impriża jew l-entità u jżomm il-vijabbiltà tagħha matul ħajjitha, jew li tal-anqas 90 % tal-kapital jew il-finanzjament oriġinali tagħha jew is-self promozzjonali mogħti minnha jkun direttament jew indirettament garantit mill-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali tal-Istat Membru;
	(55b) "self promozzjonali" tfisser self minn bank promozzjonali jew permezz ta' bank intermedjarju, fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' gvernijiet ċentrali jew reġjonali fi Stat Membru;
	(55c) "istituzzjoni intermedjarja" tfisser istituzzjoni ta' kreditu li tintermedja self promozzjonali sakemm ma tagħtihx bħala kreditu lil konsumatur finali

Or. en

(Ara d-diċitura tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63, l-Artikolu 3, il-punti (27) - (29); minflok id-definizzjoni fl-Artikolu 3, il-punt (27), tar-Regolament Delegat, tintuża d-definizzjoni ta' "entità promozzjonali" iddefinita fl-Artikolu 4(1), il-punt (19) tas-CRR (ir-Regolament (UE) Nru 5757/2013.)

Emenda 122
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 55a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdied il-punt li ġej:
	"(55a) "funzjonijiet kritiċi" tfisser attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li d-diskontinwità tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar twassal għal tfixkil tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija reali jew għal tfixkil tal-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali jew reġjonali fuq skala sinifikanti, minħabba d-daqs, is-sehem mis-suq, l-interkonnettività esterna u interna, il-kumplessità jew l-attivitajiet transfruntiera ta' istituzzjoni jew grupp, b'attenzjoni partikolari għas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, is-servizzi jew l-operazzjonijiet;".

Or. en

Emenda 123
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid) Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 55a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdied il-punt li ġej:
	"(55a) "funzjonijiet kritiċi" tfisser attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li d-diskontinwità tagħhom fi Stat Membru wieħed jew aktar twassal għal tfixkil tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija reali jew għal tfixkil tal-

	istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali jew reġjonali fuq skala sinifikanti, minħabba d-daqs, is-sehem mis-suq, l-interkonnettività esterna u interna, il-kumplessità jew l-attivitajiet transfruntiera ta' istituzzjoni jew grupp, b'attenzjoni partikolari għas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, is-servizzi jew l-operazzjonijiet;".

Or. en

Emenda 124
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord jista' jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni sabiex jeżerċitaw is-setgħat imsemmijin fl-Artikolu 10(8) tad-Direttiva 2014/59/UE. L-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jimplimentaw l-istruzzjonijiet tal-Bord f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.";	***imħassar***

Or. en

Emenda 125
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 6, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Meta jfassal u jaġġorna l-pjan ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jidentifika kull impediment materjali għar-riżolvibbiltà u, fejn ikun ***neċessarju u proporzjonat***, jiddefinixxi l-azzjonijiet rilevanti dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-impedimenti, skont l-Artikolu 10.	Meta jfassal u jaġġorna l-pjan ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jidentifika kull impediment materjali għar-riżolvibbiltà u, fejn ikun ***xieraq***, jiddefinixxi l-azzjonijiet rilevanti dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn l-impedimenti, skont l-Artikolu 10.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 126
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 6 – subparagrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 6, il-ħames subparagrafu, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(ca) kwalunkwe użu ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti";

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riżorsi interni għandhom jibqgħu l-ewwel linja ta' difiża. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe finanzjament estern, inkluż l-użu ta' SGD f'riżoluzzjoni, għandu jintuża biss fil-każ ta' nuqqasijiet mhux ippjanati fir-riżorsi, soġġetti għal kundizzjonijiet applikabbli. Għalhekk, l-ippjanar ta' riżoluzzjoni u l-kalibrazzjoni tal-MREL ma għandhom jagħmlu l-ebda użu ta' fondi ta' SGD f'riżoluzzjoni.

Emenda 127
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ab (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ab) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
7. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jinkludi analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u għandu jidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral.	7. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jinkludi analiżi ta' kif u meta istituzzjoni tista' tapplika, fil-kondizzjonijiet indirizzati mill-pjan, għall-użu ta' faċilitajiet tal-bank ċentrali u għandu jidentifika dawk l-assi li jkunu mistennija jikkwalifikaw bħala kollateral ***filwaqt li jipprovdi stima prudenti tal-valur annwali medju tagħha b'mod aggregat għall-finijiet ta' likwidità tal-bank ċentrali filwaqt li titqies il-valwazzjoni negattiva tad-dejn rilevanti***.

Or. en

Emenda 128
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ac (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 9

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ac) il-paragrafu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej
9. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għal kull entità għandu jinkludi, b'mod kwantifikat fejn xieraq u possibbli:	9. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għal kull entità għandu jinkludi, b'mod kwantifikat fejn xieraq u possibbli:
(a)sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan;	(a) sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan***;***
	(aa) fejn tapplika, deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni li istituzzjoni għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni;

(b)sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni li seħħew wara li kienet ippreżentata l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni;	(b)sommarju tal-bidliet materjali fl-istituzzjoni li seħħew wara li kienet ippreżentata l-aħħar informazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni;
(c)turija ta' kif il-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin ta' negozju jistgħu legalment u ekonomikament jiġu separati, sal-punt meħtieġ, minn funzjonijiet oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità malli tfalli l-istituzzjoni;	(c)turija ta' kif il-funzjonijiet kritiċi u l-linji ewlenin ta' negozju jistgħu legalment u ekonomikament jiġu separati, sal-punt meħtieġ, minn funzjonijiet oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità malli tfalli l-istituzzjoni;
(d)stima tal-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;	(d)stima tal-limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kull aspett materjali tal-pjan;
(e)deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont l-Artikolu 10;	(e)deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont l-Artikolu 10;
(f)deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa skont l-Artikolu 10(7) biex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà identifikati b'riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 10;	(f)deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa skont l-Artikolu 10(7) biex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti għar-riżolvibbiltà identifikati b'riżultat tal-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 10;
(g)deskrizzjoni tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet kritiċi, linji ewlenin ta' negozju u l-assi tal-istituzzjoni;	(g)deskrizzjoni tal-proċessi għad-determinazzjoni tal-valur u l-kummerċjabbiltà tal-funzjonijiet kritiċi, linji ewlenin ta' negozju u l-assi tal-istituzzjoni;
(h)deskrizzjoni dettaljata tal-arranġamenti għall-iżgurar li l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/59/UE tiġi aġġornata u tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***il-ħin*** kollu;	(h)deskrizzjoni dettaljata tal-arranġamenti għall-iżgurar li l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2014/59/UE tiġi aġġornata u tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ***l-ħin*** kollu;
(i)spjegazzjoni dwar kif l-alternattivi għar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:	(i)spjegazzjoni dwar kif l-alternattivi għar-riżoluzzjoni jistgħu jiġu ffinanzjati mingħajr is-suppożizzjoni ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
(i)kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja apparti l-użu ***tal-Fond stabbilit skont l-Artikolu*** 67;	(i) kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja ***lill-entità taħt riżoluzzjoni jew entitajiet li jakkwistaw partijiet min-negozju tagħha*** apparti l-użu ***tal-arranġamenti ta' finanzjament stabbiliti f'konformità mal-Artikolu*** 67;
(ii)kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza minn bank ċentrali; jew	(ii)kwalunkwe assistenza likwida ta' emerġenza minn bank ċentrali; jew

(iii)kwalunkwe assistenza likwida minn bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard;

(j)deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġiji differenti ta' riżoluzzjoni li jistgħu jiġu applikati skont ix-xenarji differenti possibbli u l-limiti ta' żmien applikabbli;

(k)deskrizzjoni tal-interdipendenzi kritiċi;

(l) deskrizzjoni tal-alternattivi biex jiġi preżervat l-aċċess għall-pagamenti u s-servizzi tal-ikklerjar u infrastrutturi oħra u valutazzjoni tal-portabilità tal-pożizzjonijiet tal-klijenti;

(m) analiżi tal-impatt tal-pjan fuq l-impjegati tal-istituzzjoni, inkluża valutazzjoni ta' kwalunkwe kost assoċjat, u deskrizzjoni tal-proċeduri previsti sabiex jiġi kkonsultat il-persunal matul il-proċess ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jiġu kkonsidrati s-sistemi nazzjonali għad-djalogu mas-sħab soċjali, fejn applikabbli;

(n)pjan għall-komunikazzjoni mal-midja u l-pubbliku;

(o)***ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli meħtieġa skont l-Artikolu 12*** u skadenza biex jintlaħaq dak il-livell, ***fejn applikabbli;***

(p)***fejn applikabbli, ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u*** strumenti ***kuntrattwali ta' rikapitalizzazzjoni interna*** skont ***l-Artikolu 12, u skadenza biex jintlaħaq dak il-livell fejn applikabbli***;

(iii)kwalunkwe assistenza likwida minn bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard;

(j) deskrizzjoni dettaljata tal-istrateġiji differenti ta' riżoluzzjoni li jistgħu jiġu applikati skont ix-xenarji differenti possibbli u l-limiti ta' żmien applikabbli;

(k) deskrizzjoni tal-interdipendenzi kritiċi;

(l) deskrizzjoni tal-alternattivi biex jiġi preżervat l-aċċess għall-pagamenti u s-servizzi tal-ikklerjar u infrastrutturi oħra u valutazzjoni tal-portabilità tal-pożizzjonijiet tal-klijenti;

(m) analiżi tal-impatt tal-pjan fuq l-impjegati tal-istituzzjoni, inkluża valutazzjoni ta' kwalunkwe kost assoċjat, u deskrizzjoni tal-proċeduri previsti sabiex jiġi kkonsultat il-persunal matul il-proċess ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jiġu kkonsidrati s-sistemi nazzjonali għad-djalogu mas-sħab soċjali, fejn applikabbli;

(n) pjan għall-komunikazzjoni mal-midja u l-pubbliku;

(o) ***ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12f u 12g*** u skadenza biex jintlaħaq dak il-livell, ***f'konformità mal-Artikolu 12k;***

(p) meta l-Bord japplika l-Artikolu 12c(4), (5), jew (7), skeda ta' żmien għall-konformità mill-entità ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 12k;

(pa) lista ta' strumenti ***eliġibbli dettaljata u komprensiva tal-MREL li tinkludi jekk id-detenturi tagħhom jikkwalifikawx bħala investituri bl-imnut jew professjonali*** skont ***id-Direttiva 2014/65/UE;***

(pb) lista dettaljata u kwantifikata tad-depożiti koperti, depożiti bl-imnut, depożiti korporattivi għal skopijiet ta' pagament u saldu u depożiti korporattivi kif definit rispettivament fl-Artikolu 2(1), il-punti (95), (97), (98) u (98a) tad-Direttiva

	2014/59/UE;
(q)deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u s-sistemi essenzjali biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni;	(q)deskrizzjoni tal-operazzjonijiet u s-sistemi essenzjali biex jinżamm il-funzjonament kontinwu tal-proċessi operazzjonali tal-istituzzjoni;
(r)fejn applikabbli, kull opinjoni espressa mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni.	(r)fejn applikabbli, kull opinjoni espressa mill-istituzzjoni fir-rigward tal-pjan ta' riżoluzzjoni.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 129
Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 9 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 9, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(fa) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet biex jiġi ddeterminat li istituzzjoni għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni, inkluż bi spjegazzjoni dwar kif l-awtorità ta' riżoluzzjoni waslet għall-konklużjoni li l-istituzzjoni hija nieqsa minn funzjonijiet kritiċi;

Or. en

Emenda 130
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fil-paragrafu*** 10, ***jiżdied is-subparagrafu*** li ġej:	(b) ***il-paragrafu*** 10 ***huwa sostitwit b'dan*** li ġej:
L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-Bord jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp.	***10. Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandhom jinkludu pjan għar-riżoluzzjoni tal-grupp sħiħ, immexxi mill-impriża prinċipali tal-Unjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti, jew permezz ta' riżoluzzjoni fil-livell tal-impriża prinċipali tal-Unjoni jew permezz ta' firda u riżoluzzjoni tas-sussidjarji. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu jidentifika l-miżuri għar-riżoluzzjoni:*** ***(a) l-impriża prinċipali tal-Unjoni;*** ***(b)is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jkunu stabbiliti fl-Unjoni;*** ***(c) tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(b); u*** ***(d) soġġett għall-Artikolu 33, is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jkunu stabbiliti barra mill-Unjoni.*** ***Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandu jiddetermina wkoll jekk entitajiet fi ħdan grupp ta' riżoluzzjoni għajr l-entità ta' riżoluzzjoni, jikkwalifikawx bħala entitajiet ta' likwidazzjoni. Mingħajr preġudizzju għal fatturi oħrajn li jistgħu jitqiesu rilevanti mill-Bord, l-entitajiet li jipprovdu funzjonijiet jew servizzi kritiċi jew li huma sussidjarji materjali skont l-Artikolu 4(1), il-punt 135, tar-Regolament (UE) 575/2013 ma għandhomx jikkwalifikaw bħala entitajiet ta' likwidazzjoni.***

Or. en

Emenda 131
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 10 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-Bord jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp.;	L-identifikazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward tas-sussidjarji msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), li ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jistgħu jkunu soġġetti għal approċċ simplifikat mill-Bord***, wara konsultazzjoni mal-awtorità nazzjonali rilevanti, u*** jekk tali approċċ ma jaffettwax b'mod negattiv ir-riżolvibbiltà tal-grupp, filwaqt li jitqiesu d-daqs tas-sussidjarja, il-profil tar-riskju tagħha, in-nuqqas ta' funzjonijiet kritiċi u l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp.;

Or. en

Emenda 132
Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 11 – punt -aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 11, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(-aa) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni li entità fi grupp għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni, inkluż spjegazzjoni dwar kif l-awtorità ta' riżoluzzjoni waslet għall-konklużjoni li l-istituzzjoni ma għandhiex funzjonijiet kritiċi, u kif il-proporzjon tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju totali u l-introjtu operatorju, kif ukoll il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità fi grupp fil-kuntest tal-grupp;

Emenda 133
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 11

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej
11. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ta' grupp għandu:	11. Il-pjan ta' riżoluzzjoni ta' grupp għandu:
(a)jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-entitajiet tal-grupp, kemm permezz ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(b) u l-istituzzjonijiet sussidjarji kif ukoll permezz ta' azzjonijiet koordinati ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet sussidjarji, fix-xenarji previst fil-paragrafu 6;	(a)jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-entitajiet tal-grupp, kemm permezz ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(b) u l-istituzzjonijiet sussidjarji kif ukoll permezz ta' azzjonijiet koordinati ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjonijiet sussidjarji, fix-xenarji previst fil-paragrafu 6;
	(aa) meta grupp imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, jistabbilixxi azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet fuq dawn it-tnejn li ġejjin:
	(i)entitajiet oħrajn tal-grupp li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;
	(ii)gruppi oħrajn ta' riżoluzzjoni;
	(ab) deskrizzjoni dettaljata tar-raġunijiet għad-determinazzjoni li entità fi grupp imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 għandha tiġi kkwalifikata bħala entità ta' likwidazzjoni,
(b)jeżamina l-punt sa fejn l-għodod u s-setgħat ta' riżoluzzjoni jistgħu jiġu	(b)jeżamina l-punt sa fejn l-għodod u s-setgħat ta' riżoluzzjoni jistgħu jiġu

applikati u eżerċitati b’mod koordinat għal entitajiet tal-grupp stabbiliti fl-Unjoni, inklużi miżuri sabiex jiġi ffaċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp kollu kemm hu, jew linji ta’ negozju jew attivitajiet separati li huma pprovduti minn għadd ta’ entitajiet tal-grupp, jew entitajiet partikolari tal-grupp, u jidentifika kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;

(c)jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont l-Artikolu 10;

(d)fejn grupp jinkludi entitajiet inkorporati f’pajjiżi terzi, jidentifika arranġamenti adegwati għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti ta’ dawk il-pajjiżi terzi u l-implikazzjonijiet għar-riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni;

(e)jidentifika miżuri, inkluża s-separazzjoni ġuridika u ekonomika ta’ funzjonijiet jew linji ta’ negozju partikolari, li huma meħtieġa sabiex tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni tal-grupp fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet ta’ riżoluzzjoni;

(f)jidentifika kif jistgħu jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet ta’ riżoluzzjoni tal-grupp u, fejn ikunu meħtieġa l-Fond u l-arranġamenti finanzjarji minn Stati Membri mhux parteċipanti stabbiliti skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2014/59/UE, jistabbilixxi prinċipji għall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà għal dak il-finanzjament bejn is-sorsi ta’ finanzjament fi Stati Membri parteċipanti u mhux parteċipanti differenti. Il-pjan ma għandu jassumi l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(i)kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja apparti l-użu tal-Fond stabbilit skont l-Artikolu 67 ta’ dan ir-Regolament u l-arranġamenti ta’ finanzjament minn Stati Membri mhux parteċipanti stabbiliti skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2014/59/UE,

(ii)kwalunkwe assistenza likwida ta’

applikati u eżerċitati b’mod koordinat għal entitajiet tal-grupp stabbiliti fl-Unjoni, inklużi miżuri sabiex jiġi ffaċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp kollu kemm hu, jew linji ta’ negozju jew attivitajiet separati li huma pprovduti minn għadd ta’ entitajiet tal-grupp, jew entitajiet partikolari tal-grupp, u jidentifika kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;

(c)jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mwettqa skont l-Artikolu 10;

(d)fejn grupp jinkludi entitajiet inkorporati f’pajjiżi terzi, jidentifika arranġamenti adegwati għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti ta’ dawk il-pajjiżi terzi u l-implikazzjonijiet għar-riżoluzzjoni fi ħdan l-Unjoni;

(e)jidentifika miżuri, inkluża s-separazzjoni ġuridika u ekonomika ta’ funzjonijiet jew linji ta’ negozju partikolari, li huma meħtieġa sabiex tiġi ffaċilitata r-riżoluzzjoni tal-grupp fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet ta’ riżoluzzjoni;

(f)jidentifika kif jistgħu jiġu ffinanzjati l-azzjonijiet ta’ riżoluzzjoni tal-grupp u, fejn ikunu meħtieġa l-Fond u l-arranġamenti finanzjarji minn Stati Membri mhux parteċipanti stabbiliti skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2014/59/UE, jistabbilixxi prinċipji għall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà għal dak il-finanzjament bejn is-sorsi ta’ finanzjament fi Stati Membri parteċipanti u mhux parteċipanti differenti. Il-pjan ma għandu jassumi l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(i)kwalunkwe għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja apparti l-użu tal-Fond stabbilit skont l-Artikolu 67 ta’ dan ir-Regolament u l-arranġamenti ta’ finanzjament minn Stati Membri mhux parteċipanti stabbiliti skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2014/59/UE,

(ii)kwalunkwe assistenza likwida ta’

emerġenza minn bank ċentrali; jew	emerġenza minn bank ċentrali; jew
(iii)kwalunkwe assistenza likwida minn bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard. Dawk il-prinċipji għandhom ikunu stabbiliti abbażi ta' kriterji ekwitabbli u bilanċjati u għandhom iqisu, b'mod partikolari, l-Artikolu 107(5) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kollha. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp ma għandux ikollu impatt sproporzjonat fuq kwalunkwe Stat Membru.	(iii)kwalunkwe assistenza likwida minn bank ċentrali pprovduta taħt termini ta' kollateral, maturità jew rata ta' interessi mhux standard. Dawk il-prinċipji għandhom ikunu stabbiliti abbażi ta' kriterji ekwitabbli u bilanċjati u għandhom iqisu, b'mod partikolari, l-Artikolu 107(5) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kkonċernati kollha. Il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp ma għandux ikollu impatt sproporzjonat fuq kwalunkwe Stat Membru.

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 134
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 8 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Il-Bord ***ma għandux jadotta pjanijiet*** ta' riżoluzzjoni ***għall-entitajiet u għall-gruppi msemmijin fil-paragrafu 1 meta jkun japplika l-Artikolu 22(5) jew meta l-entità jew il-grupp ikun qiegħed jiġi stralċat f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli skont l-Artikolu 32b tad-Direttiva 2014/59/UE.***	14. Il-Bord ***għandu jiddivulga fuq is-sit web tiegħu l-pjanijiet*** ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ***taħt il-mandat tiegħu fuq bażi annwali. Informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew informazzjoni li hija protetta b'dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità statutorja, għandhom jitneħħew minn tali divulgazzjonijiet.***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 135
Ernest Urtasun

f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 10 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-aa) fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
Grupp għandu jitqies riżolvibbli jekk ikun fattibbli u kredibbli għall-Bord li jwettaq stralċ ta’ entitajiet tal-grupp skont proċedimenti normali ta’ insolvenza jew li jirrisolvi l-entitajiet tal-grupp billi japplika għodod ta’ riżoluzzjoni u jeżerċità setgħat ta’ riżoluzzjoni għall-fir-rigward ta’ entitajiet tal-grupp filwaqt li jevita, sal-massimu ***possibli***, kwalunkwe konsegwenza avversa sinifikanti fuq is-sistemi finanzjarji, inkluż f’ċirkostanzi ta’ instabbiltà finanzjarja usa’ jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istati Membru fejn huma stabbiliti l-entitajiet tal-grupp, jew ta’ Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi mwettqa minn dawn l-entitajiet, meta jistgħu jiġu separati faċilment fil-ħin jew b’mezzi oħra.	“Grupp għandu jitqies riżolvibbli jekk ikun fattibbli u kredibbli għall-Bord li jwettaq stralċ ta’ entitajiet tal-grupp skont proċedimenti normali ta’ insolvenza jew li jirrisolvi l-entitajiet tal-grupp billi japplika għodod ta’ riżoluzzjoni u jeżerċità setgħat ta’ riżoluzzjoni għall-fir-rigward ta’ entitajiet tal-grupp filwaqt li jevita, sal-massimu ***possibbli***, kwalunkwe konsegwenza avversa sinifikanti fuq is-sistemi finanzjarji, inkluż f’ċirkostanzi ta’ instabbiltà finanzjarja usa’ jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, tal-Istati Membru fejn huma stabbiliti l-entitajiet tal-grupp, jew ta’ Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi mwettqa minn dawn l-entitajiet, meta jistgħu jiġu separati faċilment fil-ħin jew b’mezzi oħra. ***Sabiex iwettaq il-valutazzjoni skont dan is-subparagrafu, il-Bord għandu jindirizza rekwiżiti lil korp ċentrali u lil istituzzjonijiet ta’ kreditu affiljati b’mod permanenti ma’ dak il-korp ċentrali.*** ***”***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0806-20220812)

Emenda 136
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 10 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-paragrafu 10 huwa ***emendat kif*** ġej:	(c) il-paragrafu 10 huwa ***sostitwit b'dan li*** ġej:
(i)fit-tieni subparagrafu, il-kelma "istituzzjoni" hija ssostitwita bil-kliem "entità kkonċernata";	***"10. Il-Bord, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti, għandu jivvaluta jekk il-miżuri msemmija fil-paragrafu 9 jindirizzawx effettivament jew ineħħux l-impedimenti sostantivi inkwistjoni. Jekk il-miżuri proposti mill-entità jew l-impriża prinċipali kkonċernata effettivament ma jnaqqsux jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, il-Bord għandu jieħu deċiżjoni, wara li jikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti u, fejn xieraq, l-awtorità makroprudenzjali maħtura, li tindika li l-miżuri proposti ma jnaqqsux jew ineħħu effettivament l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, u jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni biex jitolbu lill-istituzzjoni, l-impriża prinċipali, jew kwalunkwe sussidjarja tal-grupp ikkonċernat, biex twettaq kwalunkwe miżura elenkata fil-paragrafu 11.***
(ii) fit-tielet subparagrafu, il-kelma "istituzzjoni" hija ssostitwita bil-kelma "entità";	***Il-Bord għandu jqis it-theddida għall-istabbiltà finanzjarja li jippreżentaw dawn l-impedimenti għar-riżolvibbiltà, u l-effett tal-miżuri fuq l-operat tal-istituzzjoni, fuq l-istabbiltà u l-abbiltà tagħha li tagħti kontribut lill-ekonomija, fuq is-suq intern tas-servizzi finanzjarji u fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Stati Membri oħrajn u l-Unjoni kollha kemm hi.***
(iii) jiżdied is-subparagrafu li ġej: "***Jekk il-miżuri proposti mill-entità*** kkonċernata ***effettivament inaqqsu jew ineħħu*** l-impedimenti għar-riżolvibbiltà***, il-Bord għandu jieħu deċiżjoni, wara li jkun ikkonsulta lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti u, meta xieraq, lill-awtorità makroprudenzjali dežinjata. Dik id-deċiżjoni għandha tindika***	***L-entità*** kkonċernata ***għandu jkollha d-dritt li turi kif il-miżuri li pproponiet ikunu kapaċi jneħħu*** l-impedimenti għar-riżolvibbiltà ***u kif il-miżuri alternattivi*** proposti ***mill-Bord huma oneruż għat-tneħħija tagħhom mingħajr ħtieġa.***

li l-miżuri proposti ***effettivament inaqqsu jew ineħħu l-impedimenti għar-riżolvibbiltà u għandha tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali sabiex jirrikjedu lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali, jew lil kwalunkwe sussidjarja tal-grupp ikkonċernat, jimplimentaw il-miżuri proposti.";***

"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02014R0806-20220812)

Emenda 137
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 10a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta entità tkun f'sitwazzjoni fejn tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat meta jitqies flimkien mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament meta kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 12a(2), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, il-Bord għandu ***jkollu s-setgħa***, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ***li jordna lill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni sabiex tipprojbixxi*** lil entità milli tiddistribwixxi aktar mill-Ammont Massimu Distribwibbli relatat mar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u għall-obbligazzjonijiet eliġibbli ("M-MDA"), ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li	1. Meta entità tkun f'sitwazzjoni fejn tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' bafer kombinat meta jitqies flimkien mar-rekwiżiti msemmijin fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament meta kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 12a(2), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, ***jew meta entità hija f'sitwazzjoni fejn tikser ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament meta kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 12a(2), il-punt (b),*** il-Bord għandu, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ***jipprojbixxi*** lil entità milli tiddistribwixxi aktar mill-Ammont Massimu Distribwibbli relatat mar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u għall-obbligazzjonijiet eliġibbli ("M-MDA"), ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 4 ta'

ġejjin:*;*	dan l-Artikolu, permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 138
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) fl-Artikolu 12, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	4a. Il-kalkolu tar-rekwiżit minimu msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/59/UE għandu, fil-każ ta' istituzzjonijiet li joperaw self promozzjonali, jeskludi l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni intermedjarja fil-konfront tal-bank oriġinarju jew ta' bank promozzjonali ieħor jew bank promozzjonali jew kwalunkwe istituzzjoni intermedjarja oħra u l-obbligazzjonijiet tal-bank promozzjonali oriġinali fil-konfront tal-partijiet ta' finanzjament meta l-ammont ta' dawn l-obbligazzjonijiet huwa rikonċiljat mas-self promozzjonali ta' dik l-istituzzjoni.

Or. en

(ara d-diċitura tal-Artikolu 5, il-paragrafu 1, il-punt f tar-Regolament (UE) 2015/63)

Emenda 139
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) fl-Artikolu 12a, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	1a. Fil-grupp ta' riżoluzzjoni, is-sussidjarji li huma istituzzjonijiet jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) iżda ma humiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, li l-assi totali tagħhom ma humiex aktar minn EUR 5 biljun u li ma jilħqux limitu ta' 2 % tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju totali tal-grupp ta' riżoluzzjoni, jew skopertura ingranata, ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi introdott limitu ta' materjalità biex jitqiesu d-deċiżjonijiet tal-MREL għas-sussidjarji fil-gruppi ta' riżoluzzjoni fit-test tal-livell 1, li se jservi bħala limitu minimu għall-politika tal-MREL tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Il-limitu tal-politika tal-MREL attwali għandu jintuża biex jikkalibra dan il-limitu minimu fit-test tal-livell 1.

Emenda 140
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(8b) L-Artikolu 12b huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 12b	Artikolu 12b
Eżenzjoni mir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli	Eżenzjoni mir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli
1. Minkejja l-Artikolu 12a, il-Bord għandu jeżenta ***mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12a(1)*** lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ***ipotekarju*** ffinanzjati minn bonds koperti	Minkejja l-Artikolu 12a, il-Bord għandu jeżenta lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ffinanzjati minn bonds koperti li, mhumiex permessi jirċievu depożiti taħt il-liġi

li, mhumiex permessi jirċievu depożiti taħt il-liġi nazzjonali, ***sakemm il-kondizzjonijiet kollha segwenti jkunu sodisfatti: | (a) | dawk l-istituzzjonijiet ser jiġu stralċjati fi proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza jew f'tipi oħra ta' proċedimenti stabbiliti għal dawk l-istituzzjonijiet u implimentati skont l-Artikoli 38, 40 jew 42 tad-Direttiva 2014/59/UE; u (b) il-proċedimenti msemmija fil-punt (a) jiżguraw li l-krediturі ta' dawk l-istituzzjonijiet, inklużi d-detenturi ta' bonds koperti, fejn rilevanti, iġarrbu telf b'mod li jilħaq l-objettivi tar-riżoluzzjoni. L-istituzzjonijiet li huma eżentati*** mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu ***12(1) ma għandhomx ikunu parti mill-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 12f(1).***	nazzjonali, ***mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12a(1).***
2. L-istituzzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12(1) ma għandhomx ikunu parti mill-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 12f(1).	***"***

Or. en

(REGOLAMENT (UE) Nru 806/2014)

Ġustifikazzjoni

Article 45a(2) of BRRD currentlyprovides that credit institutions financed by covered bonds which are notallowed to receive deposits under national law are are exempted from MRELproviding that (i) they would be wound up under NIPs or transfer measures incase of failure and (ii) NIP (or equivalent) for these institutions ensure thatresolution objectives are met. In this case, these institutions shall not bepart of the consolidation referred to in Article 45e(1).These provisions should beimproved in order to better take into account that such institutions arestructurally designed to mainly issue covered bonds, and not MREL eligibleliabilities. The specific guarantees of holders of covered bonds ensure theywould not bear losses in NIPs or in resolution (see Directive (EU) 2019/2162).Therefore, credit institutions financed by covered bonds which are not allowedto receive deposits under national law do not need an additionalloss-absorption capacity based on MREL and should be per se exempted of MREL.In addition, the exclusionof the consolidation perimeter has resulted in unforeseen consequences. In somecases, this exclusion leads to an unwarranted increase of the TREA used in thecalculation of group's external MREL (and thus an increase in external MREL). Creditinstitutions financed by covered bonds which are not allowed to receivedeposits under national law are simply pass-through vehicles and theirdeconsolidation should not result in a increase of risks.

Emenda 141
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***fl-Artikolu 12d, il-paragrafu*** 3, it-tmien subparagrafu, u l-paragrafu 6, it-tmien subparagrafu, il-kliem "funzjonijiet ekonomiċi kritiċi" huwa ssostitwit bil-kliem "funzjonijiet kritiċi";	(10) ***L-Artikolu 12d huwa emendat kif ġej:***
	(a) fil-paragrafu 3, ***il-ħames u s-sitt subparagrafi huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:***
	"Meta jkun qed jistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti, il-Bord għandu:
	(a) juża l-valuri rrapportati l-aktar reċentement għall-ammont tal-iskopertura tar-riskju totali jew għall-kejl tal-iskopertura totali, aġġustati għal kwalunkwe bidla li tirriżulta minn azzjonijiet ta' riżoluzzjoni stabbiliti fil-pjan ta' riżoluzzjoni, inkluż id-daqs u l-profil tar-riskju mnaqqsa tal-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni, b'mod partikolari meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta tinkludi l-użu ta' għodod ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2), il-punti (a), (b) jew (c), kif ukoll għal kwalunkwe skambju li jirriżulta mill-għażliet ta' rkupru inklużi fil-pjan ta' rkupru li huma mistennija li jiġu implimentati sal-ħin tar-riżoluzzjoni jew ftit wara; u
	(b) wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jaġġusta 'l isfel l-ammont li jikkorrispondi għar-rekwiżit attwali msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiddetermina r-rekwiżit applikabbli għall-

entità ta' riżoluzzjoni wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta, filwaqt li jqis il-bidliet imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;

(c) wara li jikkonsulta lill-awtorità kompetenti, inkluż il-BĊE, għal entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-rekwiżit tal-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE, jaġġusta r-rekwiżit ta' bafer kombinat applikabbli għall-grupp ta' riżoluzzjoni, filwaqt li jqis il-bidliet imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Il-Bord għandu jkun jista' jżid ir-rekwiżit previst fil-punt (a)(ii) tal-ewwel subparagrafu b'ammont xieraq meħtieġ biex jiġi żgurat li, wara r-riżoluzzjoni, l-entità hija kapaċi żżomm biżżejjed fiduċja tas-suq għal perjodu xieraq li ma għandux jaqbeż sena, ħlief meta l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta tiegħu tipprevedi primarjament l-użu tal-bejgħ ta' għodda tan-negozju jew għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq.

Il-Bord għandu jikkomunika lill-entità ta' riżoluzzjoni r-raġunament għall-aġġustamenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ħames subparagrafu.

(b) fil-paragrafu 3, it-tmien subparagrafu, u l-paragrafu 6, it-tmien subparagrafu, il-kliem "funzjonijiet ekonomiċi kritiċi" huwa ssostitwit bil-kliem "funzjonijiet kritiċi";

Or. en

Emenda 142
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) jiddaħħal l-Artikolu 12da li ġej:	***imħassar***
[…]	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ewwel paragrafu għandu l-għan li jistabbilixxi rekwiżiti tal-MREL meta strateġija ta' trasferiment hija preferuta għal riżoluzzjoni. Dan japplika għal xi istituzzjonijiet, li jsibu diffikultà biex joħorġu obbligazzjonijiet tal-MREL u għandhom jibqgħu eżenti. Ma jkunx biżżejjed li sempliċiment jitħaffu r-rekwiżiti. It-tieni paragrafu jikkonċerna każijiet li fihom il-proċedimenti ta' insolvenza jintgħażlu bħala l-istrateġija preferuta. F'tali każijiet, ma għandu jinħareġ l-ebda rekwiżit tal-MREL supplimentari fuq bażi regolari. Għalhekk, hija irrelevanti b'mod regolari l-applikazzjoni korrispondenti tal-paragrafu 1.

Emenda 143
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 12d lil entità ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħha tipprevedi primarjament l-użu tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni previst fl-Artikolu 12d(3) b'mod proporzjonat fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin, kif rilevanti:	1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 12d lil entità ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħha tipprevedi primarjament l-użu tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni previst fl-Artikolu 12d(3) b'mod proporzjonat ***li jiżgura li l-grupp ta' riżoluzzjoni jista' jikseb riżoluzzjoni fix-xenarji kollha possibbli mingħajr il-ħtieġa ta' finanzjament estern*** fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin, kif rilevanti:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ reġim tal-MREL b'saħħtu biex jiżgura l-kredibbiltà tas-sistema ta'

riżoluzzjoni.

Emenda 144
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 12d lil entità ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħha tipprevedi ***primarjament*** l-użu tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni previst fl-Artikolu 12d(3) b'mod proporzjonat fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin, kif rilevanti:	1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 12d lil entità ta' riżoluzzjoni li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tagħha tipprevedi l-użu ***esklużiv*** tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew l-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja u l-ħruġ tagħha mis-suq, il-Bord għandu jistabbilixxi l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni previst fl-Artikolu 12d(3) b'mod proporzjonat fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin, kif rilevanti:

Or. en

Emenda 145
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni***, u l-profondità tas-suq li fih topera l-entità ta' riżoluzzjoni***;	(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ reġim tal-MREL b'saħħtu biex jiżgura l-kredibbiltà tas-sistema ta' riżoluzzjoni.

Emenda 146
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni***, u l-profondità tas-suq li fih topera l-entità ta' riżoluzzjoni***;	(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Covers all ams to article 12da : Currently, the depth of themarket criteria only applies to the setting of MREL subordinated requirementsin accordance with Article 12d(8). As the entities that are subject to Article 12da may not always be subject to MREL subordintated requirements, the inclusion ofthis criteria in Article 12da is at odds with the current MREL framework. MRELoverall requirements should remain based on intrinsic features of banks, regardless of the type of tools envisaged in the preferred resolution strategy.MREL requirements should notbe met with non-covered non-preferred deposits, or other bail-inableliabilities when there is a significant likelihood that such deposits andliabilities would be discretionary excluded under Article 27(5) in a resolutionscenario. This specific risk could be reduced in resolution planning by takinginto account MREL-eligible liabilities pursuant to Article 27(5), when settingthe level of MREL. This would not replace but act as a complement to anydeduction from the MREL capacity of these liabilities pursuant to Article 12d(8)BRRD.A distinction should be madebetween the sale of business tool and the bridge institution tool.

Emenda 147
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni, u ***l-profondità tas-suq li fih topera l-entità ta' riżoluzzjoni***;	(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni, u ***l-kapaċità li taċċessa s-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli***;

Or. en

Emenda 148
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni, u ***l-profondità tas-suq li fih topera l-entità ta' riżoluzzjoni***;	(a) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil tar-riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni, u ***l-kapaċità li taċċessa s-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli***;

Or. en

Emenda 149
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-obbligazzjonijiet eskluži mir-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(3);	(ii) l-obbligazzjonijiet eskluži mir-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(3) ***jew l-obbligazzjonijiet tal-kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna meta l-***

Artikolu 27(5) x'aktarx japplika fir-rigward ta' dawn l-obbligazzjonijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Covers all ams to article 12da : The recapitalisation amount should in principle be higher when the preferred resolution strategy envisages primarily the use of the bridge institution tool as opposed to the sale of business tool, as this institution would need to be capitalised. Inparticular, if all assets and liabilities of the institution under resolution are transferred to a bride bank under the bridge institution tool, there capitalisation amount should theoretically be the same than in the case of anopen bank bail-in under Article 12d(3).It is important that funding needs in resolution be evaluated in a coherent manner across Member States, forMREL requirements can in some cases weigh on banks' profitability. Diverging practices would therefore hinder the level playing field. Likewise, it is important to ensure that the proportionalization of MREL requirements when transfer tools are used does not lead to under/overestimate funding needs and MREL.

Emenda 150
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) rekwiżiti ta' finanzjament proprju mistennija għal kwalunkwe istituzzjoni tranżitorja li jistgħu jkunu meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ħruġ mis-suq, sabiex jiżguraw il-konformità tagħha mar-Regolament (UE) Nru 575/2013, mad-Direttiva 2013/36/UE u mad-Direttiva 2014/65/UE; kif applikabbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Covers all ams to article 12da : The use of the deposit guarantee scheme pursuant to Article 11(5) of Directive 2014/49/EU would imply that measures taken in liquidation would be similar to the ones in resolution in case of transfer strategies, with the same economic outcome – namely, "market exit". These liquidation entities should therefore be subject to the

same requirements as resolution entities subject to Article 12da(1). Should that not be the case,liquidation with alternative measures from the DGS would most probably remain away to arbitrate resolution while increasing the cost for other banks.

Emenda 151
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt b – punt iiia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiia) kwalunkwe riskju għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta, b'mod partikolari ambjent tas-suq potenzjalment avvers fil-ħin tar-riżoluzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ reġim tal-MREL b'saħħtu biex jiżgura l-kredibbiltà tas-sistema ta' riżoluzzjoni.

Emenda 152
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt a – punt iiib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iiib) id-domanda mistennija mir-riċevitur biex it-tranżazzjoni tkun newtrali għall-kapital fir-rigward tar-rekwiżiti applikabbli lill-entità akkwirenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Covers all ams to article 12da : To ensure that the revisedframework remains based on internal loss-aborption not merely in theory butalso in practice, the amendment introduces minimum levels of external MREL forresolution entities with the new resolution strategy.Above a size threshold, suchresolution entities would also be required to comply with their external MRELtarget by using a minimum share of instruments that do not include CommonEquity Tier 1 instruments : Tier 2 instruments and other MREL-eligibleinstruments with a higher ranking in insolvency. This would avoid situationswhere an institution complies with its MREL target almost entirely with CommonEquity Tier 1. Although CET1 is an essential safeguard to ensureloss-absorption capabilities in a going-concern, such resources are, due totheir very nature, lacking when solvency issues lead an institution intoresolution.

Emenda 153
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) kwalunkwe impediment ***materjali*** għar-riżolvibbiltà, identifikat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, li jkun ***direttament*** relatat mal-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja***;***	(i) kwalunkwe impediment għar-riżolvibbiltà, identifikat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, li jkun relatat mal-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' negozju jew tal-għodda tal-istituzzjoni tranżitorja

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ reġim tal-MREL b'saħħtu biex jiżgura l-kredibbiltà tas-sistema ta' riżoluzzjoni.

Emenda 154
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt c – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) ambjent tas-suq potenzjalment avvers fil-hin tar-riżoluzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ reġim tal-MREL b'saħħtu biex jiżgura l-kredibbiltà tas-sistema ta' riżoluzzjoni.

Emenda 155
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk hijiex mistennija li ssir kwalunkwe kontribuzzjoni minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79."

Or. en

Emenda 156
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk hijiex mistennija li ssir kwalunkwe kontribuzzjoni minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79.

Or. en

Emenda 157
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni meħtieġ fi strateġija ta' riżoluzzjoni alternattiva.

Or. en

Emenda 158
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għal entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għar-regoli ta' proporzjonalizzazzjoni tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-livell tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 12d għandu jkun mill-inqas ugwali għal:
	(a) 16 % meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2); u
	(b) 5,5 % meta kkalkolat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2).
	Entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma parti minn grupp ta' riżoluzzjoni li l-assi totali tagħhom jaqbżu l-EUR 5 biljun u entitajiet ta' riżoluzzjoni b'assi konsolidati totali li jaqbżu l-EUR 5 biljun għandhom jissodisfaw livell tar-rekwiżit imsemmi fl-

ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu li huwa ugwali għal 4,5 % meta kkalkolat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2) u għal 1,5 % meta kkalkolat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), bl-użu ta' strumenti tal-Grad 1 u obbligazzjonijiet eliġibbli."

Biex tkun żgurata applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu jagħti gwida u jindirizza struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għall-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 45ca(1b) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Or. en

Emenda 159
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal istituzzjonijiet maħtura bħala "istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-interess tal-proporzjonalità, ir-rekwiżiti tal-MREL il-ġodda ma għandhomx japplikaw għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi.

Emenda 160
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi li l-entità għandha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħrajn u jipprevedi l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE, il-Bord għandu jqis ukoll il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 12d(2a), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 161
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi li l-entità għandha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħrajn u jipprevedi l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE, il-Bord għandu jqis ukoll il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 12d(2a), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 162
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi li l-entità għandha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħrajn u jipprevedi l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE, il-Bord għandu jqis ukoll il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 12d(2a), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 163
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi li l-entità għandha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħrajn u jipprevedi l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE, ***il-Bord għandu jqis ukoll il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu*** 12d(2a)***, it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament***.	2. Meta l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprevedi li l-entità għandha tiġi stralċata skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħrajn u jipprevedi l-użu tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE, ***permezz ta' deroga mill-Artikolu*** 12d(2a) ***l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tistabbilixxi ammont ta' rikapitalizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 12d(3) b'mod proporzjonat abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu***

2.

Or. en

Emenda 164
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12da – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ma għandhiex tirriżulta f'ammont li jkun ***ogħla mill-ammont*** li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12d(3).;	3. L-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ma għandhiex tirriżulta f'ammont li jkun ***aktar baxx minn 90 % tal-ammont*** li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12d(3).;

Or. en

Emenda 165
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12k – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Wara l-1 ta' Jannar 2024 jew il-perjodu tranżitorju li jiġi fi tmiemu wara l-1 ta' Jannar 2024 stabbilit mill-Bord skont it-tielet subparagrafu, il-Bord, meta jkun debitament ġustifikat u xieraq abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 7, u filwaqt li jqis l-elementi msemmija fit-tielet subparagrafu, jista' jiddetermina perjodu tranżitorju xieraq li fih għandu jikkonforma mar-rekwiżiti fl-Artikoli 12f

jew 12g jew ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7).

Or. en

Emenda 166
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 12k – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"1a. Fir-rigward tal-entitajiet li ma kinux parti minn grupp ta' riżoluzzjoni qabel [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju], il-Bord għandu jiddetermina perjodi tranżitorji adatti għall-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) biex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikoli 12f jew 12g, jew mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7), kif xieraq. Dawn il-perjodi tranżitorji ma għandhomx jiġu estiżi lil hinn mill-1 ta' Jannar 2030."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' perjodu tranżitorju li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-MREL għal istituzzjonijiet li se jaqgħu fl-ambitu ta' riżoluzzjoni ġdid huwa raġonevoli, iżda ma għandux ikun twil wisq. Tranżizzjoni ta' [5] snin tidher raġonevoli, li twassal għal tmiem l-2029 jekk ir-rieżami tas-CDMI jidħol fis-seħħ fl-2025.

Emenda 167
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-BĊE ***jista' japplika*** miżuri ta' intervent bikri meta entità kif imsemmija fl-Artikolu 7(2)(a) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:	1. Il-BĊE ***jqis mingħajr dewmien żejjed, u jekk ikun meħtieġ jadotta malajr,*** miżuri ta' intervent bikri meta entità kif imsemmija fl-Artikolu 7(2)(a) tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM ikun inkorporat fi proċess ta' governanza li jkun mgħaġġel u effiċjenti, b'xejra lejn l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jippreżervaw il-kapital u r-riżorsi tal-MREL bl-aħjar mod, sabiex ma jfixklux riżoluzzjoni possibbli fi stadju aktar tard.

Emenda 168
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-BĊE jqis li l-azzjonijiet ta' rimedju minbarra l-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed sabiex jindirizzaw il-problemi ***minħabba, fost l-oħrajn, deterjorament rapidu u sinifikanti tal-kundizzjoni finanzjarja tal-entità***;	(ii) il-BĊE jqis li l-azzjonijiet ta' rimedju minbarra l-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed sabiex jindirizzaw il-problemi;

Or. en

Emenda 169
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-BĊE jqis li l-azzjonijiet ta' rimedju minbarra l-miżuri ta' intervent bikri ma humiex biżżejjed sabiex jindirizzaw il-problemi minħabba, fost l-oħrajn, deterjorament rapidu u sinifikanti tal-kundizzjoni finanzjarja tal-entità;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 170
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-entità tikser jew x'aktarx tikser fit-12-il xahar ta' wara l-valutazzjoni tal-BĊE r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE, fl-Artikoli 3 sa 7, 14 sa 17, jew 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014***, jew fl-Artikoli 12f jew 12g ta' dan ir-Regolament***.	(b) l-entità tikser jew x'aktarx tikser fit-12-il xahar ta' wara l-valutazzjoni tal-BĊE r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE, fl-Artikoli 3 sa 7, 14 sa 17, jew 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

Or. en

Emenda 171
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jkun xieraq li jiġi kkaratterizzat il-ksur imsemmi fil-punt (b), il-BĊE għandu jiżgura li l-bord u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali rilevanti jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM ikun inkorporat fi proċess ta' governanza li jkun mgħaġġel u effiċjenti, b'xejra lejn l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jippreżervaw il-kapital u r-riżorsi tal-MREL bl-aħjar mod, sabiex ma jfixklux riżoluzzjoni possibbli fi stadju aktar tard.

Emenda 172
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-BĊE jista' jiddetermina li l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(ii), tiġi ssodisfata mingħajr ma jkun ħa azzjonijiet ta' rimedju oħrajn qabel, inkluż l-eżerċizzju tas-setgħat imsemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE jew fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.	Il-BĊE jista' jiddetermina***, meta jkun hemm deterjorament malajr tal-kundizzjonijiet, ċirkostanzi avversi jew tinkiseb informazzjoni ġdida dwar entità,*** li l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(ii), tiġi ssodisfata mingħajr ma jkun ħa azzjonijiet ta' rimedju oħrajn qabel, inkluż l-eżerċizzju tas-setgħat imsemmijin fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE jew fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

Or. en

Emenda 173
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rekwiżit li l-korp maniġerjali tal-entità li jfassal pjan, f'konformità mal-pjan ta' rkupru meta applikabbli, għan-negozjar dwar ir-ristrutturar tad-dejn ma' whud mill-krediturі tiegħu jew mal-krediturі kollha tiegħu;	(c) ir-rekwiżit li l-korp maniġerjali tal-entità li jfassal pjan ***ta' azzjoni***, f'konformità mal-pjan ta' rkupru meta applikabbli, għan-negozjar dwar ir-ristrutturar tad-dejn ma' whud mill-krediturі tiegħu jew mal-krediturі kollha tiegħu;

Or. en

Emenda 174
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) ir-rekwiżit li l-korp maniġerjali tal-entità jfassal pjan li l-entità tista' timplimenta f'każ li l-korp korporattiv rilevanti jiddeċiedi li jibda l-istralċ volontarju tal-entità.

Or. en

Emenda 175
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli. In-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex impatt fuq il-kapaċità li l-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali jimplimentaw xi miżura. Kwalunkwe deċiżjoni relatata ma' miżuri minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali hija għad-diskrezzjoni unika tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.

Or. en

Emenda 176
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-BĊE għandu jagħżel il-miżuri xierqa ta' intervent bikri bbażati fuq dak li huwa proporzjonat għall-objettivi segwiti, filwaqt li jqis is-serjetà tal-ksur jew tal-ksur probabbli u l-ħeffa tad-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-entità, fost	3. Il-BĊE għandu jagħżel il-miżuri xierqa ***u f'waqthom*** ta' intervent bikri bbażati fuq dak li huwa proporzjonat għall-objettivi segwiti, filwaqt li jqis is-serjetà tal-ksur jew tal-ksur probabbli u l-ħeffa tad-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-entità, fost informazzjoni

informazzjoni rilevanti oħra.	rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 177
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għal kull waħda mill-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jistabbilixxi skadenza li tkun xierqa għat-tlestija ta' dik il-miżura u li tippermetti lill-BĊE jevalwa l-effettività tagħha.	4. Għal kull waħda mill-miżuri msemmijin fil-paragrafu 2, il-BĊE għandu jistabbilixxi skadenza li tkun xierqa għat-tlestija ta' dik il-miżura u li tippermetti lill-BĊE jevalwa l-effettività tagħha. ***L-evalwazzjoni tal-miżura għandha titwettaq immedjatament wara li tintlaħaq u tiġi kondiviża l-iskadenza mal-Bord u mal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali rilevanti. Jekk l-evalwazzjoni tikkonkludi li l-miżuri ma ġewx implimentati bis-sħiħ jew li ma humiex effettivi, il-BĊE jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali kompetenti għandha tagħmel valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) tal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, wara li tkun ikkonsultat lill-Bord u lill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali rilevanti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta għandha l-għan li tiżgura li l-qafas tal-EIM ikun inkorporat fi proċess ta' governanza li jkun mgħaġġel u effiċjenti, b'xejra lejn l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li jippreżervaw il-kapital u r-riżorsi tal-MREL bl-aħjar mod, sabiex ma jfixklux riżoluzzjoni possibbli fi stadju aktar tard.

Emenda 178
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta grupp jinkludi entitajiet stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti u sussidjarji stabbiliti, jew fergħat sinifikanti li jinsabu fi Stati Membri mhux parteċipanti, il-BĊE għandu jikkomunika kwalunkwe deċiżjoni jew miżura msemmija fl-Artikoli 13 sa 13c rilevanti għall-grupp lill-awtoritajiet kompetenti u/jew lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri mhux parteċipanti, kif xieraq.;	Meta grupp jinkludi entitajiet stabbiliti fi Stati Membri parteċipanti u sussidjarji stabbiliti, jew fergħat sinifikanti li jinsabu fi Stati Membri mhux parteċipanti, il-BĊE għandu jikkomunika kwalunkwe deċiżjoni jew miżura msemmija fl-Artikoli 13 sa 13c rilevanti għall-grupp lill-awtoritajiet kompetenti u/jew lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tal-Istati Membri mhux parteċipanti, kif xieraq ***u f'waqtu***.;

Or. en

Emenda 179
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13b – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-BĊE għandu jippubblika l-ħatra ta' kwalunkwe amministratur temporanju, ħlief meta l-amministratur temporanju ma jkollux is-setgħa li jirrappreżenta ***lill-entità***.	Il-BĊE għandu jippubblika l-ħatra ta' kwalunkwe amministratur temporanju, ħlief meta l-amministratur temporanju ma jkollux is-setgħa li jirrappreżenta ***jew jagħmel deċiżjonijiet f'isem l-entità***.

Or. en

Emenda 180
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-BĊE għandu jispeċifika s-setgħat tal-amministratur temporanju fil-mument tal-ħatra tiegħu fuq il-bażi ta' xi jkun proporzjonat fiċ-ċirkostanzi. Tali setgħat jistgħu jinkludu wħud mis-setgħat jew is-setgħat kollha tal-korp maniġerjali tal-entità, skont l-istatuti tal-entità u skont id-dritt nazzjonali, inkluża s-setgħa li jeżerċita l-funzjonijiet amministrattivi kollha tal-bord maniġerjali tal-entità jew uħud minnhom. Is-setgħat tal-amministratur temporanju fir-rigward tal-entità għandhom ikunu konformi mad-dritt soċjetarju applikabbli.	2. Il-BĊE għandu jispeċifika s-setgħat tal-amministratur temporanju fil-mument tal-ħatra tiegħu fuq il-bażi ta' xi jkun proporzjonat fiċ-ċirkostanzi. Tali setgħat jistgħu jinkludu wħud mis-setgħat jew is-setgħat kollha tal-korp maniġerjali tal-entità, skont l-istatuti tal-entità u skont id-dritt nazzjonali, inkluża s-setgħa li jeżerċita l-funzjonijiet amministrattivi kollha tal-bord maniġerjali tal-entità jew uħud minnhom. Is-setgħat tal-amministratur temporanju fir-rigward tal-entità għandhom ikunu konformi mad-dritt soċjetarju applikabbli. ***Tali setgħat jistgħu jiġu aġġustati meta sseħħ il-bidla fiċ-ċirkostanzi mill-BĊE.***

Or. en

Emenda 181
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13b – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fuq talba tal-BĊE, l-amministratur temporanju għandu jfassal rapporti dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-entità u dwar l-atti mwettqin matul il-ħatra tiegħu, f'intervalli stabbiliti mill-BĊE, u fi kwalunkwe każ fi tmiem il-mandat tiegħu.	6. Fuq talba tal-BĊE, l-amministratur temporanju għandu jfassal rapporti dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-entità u dwar l-atti mwettqin matul il-ħatra tiegħu, f'intervalli stabbiliti mill-BĊE, ***tal-inqas darba wara l-ewwel sitt xhur,*** u fi kwalunkwe każ fi tmiem il-mandat tiegħu.

Or. en

Emenda 182
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13b – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-amministratur temporanju għandu jinħatar għal massimu ta' sena waħda (1). Dak il-perjodu jista' jiġġedded b'mod eċċezzjonali jekk il-kundizzjonijiet għall-ħatra tal-amministratur temporanju jkomplu jiġu ssodisfati. Il-BĊE għandu jiddetermina dawk il-kundizzjonijiet u għandu jiġġustifika kwalunkwe tiġdid tal-ħatra tal-amministratur temporanju lill-azzjonisti.	7. L-amministratur temporanju għandu jinħatar għal massimu ta' sena waħda (1). Dak il-perjodu jista' jiġġedded b'mod eċċezzjonali ***darba,*** jekk il-kundizzjonijiet għall-ħatra tal-amministratur temporanju jkomplu jiġu ssodisfati. Il-BĊE għandu jiddetermina dawk il-kundizzjonijiet u għandu jiġġustifika kwalunkwe tiġdid tal-ħatra tal-amministratur temporanju lill-azzjonisti.

Or. en

Emenda 183
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, ***il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni***	***In-notifika*** msemmija fl-ewwel subparagrafu ***ma għandhiex tillimita l-abbiltà tal-iskemi ta' protezzjoni istituzzjonali li jimplimentaw miżuri. Id-deċiżjonijiet relatati ma' kwalunkwe miżura minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali għandhom jibqgħu taħt id-diskrezzjoni unika tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali***.

lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli.

Or. en

Emenda 184
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli.	Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli. ***L-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura minn skemi ta' protezzjoni istituzzjonali ma għandhiex tkun affettwata min-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu.***

Or. en

Emenda 185
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli.	Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jivvaluta, f'kooperazzjoni msaħħa mal-BĊE jew mal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti, x'jikkostitwixxi perjodu ta' żmien raġonevoli għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1), filwaqt li jitqiesu l-veloċità tad-deterjorament tal-kundizzjonijiet tal-entità, ***l-impatt potenzjali fuq is-sistema finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti u tal-fondi tal-klijenti,*** il-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni u kwalunkwe kunsiderazzjoni rilevanti oħra. Il-Bord għandu jikkomunika dik il-valutazzjoni lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mill-aktar fis possibbli.

Or. en

Emenda 186
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jikkummerċjalizza għal xerrejja potenzjali, jew li jagħmel arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-entità msemmija fl-Artikolu 7(2), jew l-entità msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punt (b), u fl-Artikolu 7(5) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet jew meta t-tali kundizzjonijiet jirrikjedu li	4. ***Wara li jkun irċieva n-notifika msemmija fil-paragrafu 2,*** il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jikkummerċjalizza għal xerrejja potenzjali, jew li jagħmel arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-entità msemmija fl-Artikolu 7(2), jew l-entità msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punt (b), u fl-Artikolu 7(5) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet

l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:	jew meta t-tali kundizzjonijiet jirrikjedu li l-entità tagħmel dan, għall-finijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 187
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jikkummerċjalizza għal xerrejja potenzjali, jew li jagħmel arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-entità msemmija fl-Artikolu 7(2), jew l-entità msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punt (b), u fl-Artikolu 7(5) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet jew meta t-tali kundizzjonijiet jirrikjedu li l-entità tagħmel dan, ***għall-finijiet li ġejjin***:	4. Il-Bord għandu jkollu s-setgħa li jikkummerċjalizza għal xerrejja potenzjali, jew li jagħmel arranġamenti għal tali kummerċjalizzazzjoni, l-entità msemmija fl-Artikolu 7(2), jew l-entità msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punt (b), u fl-Artikolu 7(5) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet jew meta t-tali kundizzjonijiet jirrikjedu li l-entità tagħmel dan, ***għall-fini***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kummerċjalizzazzjoni hija diġà rregolata bħala parti mill-miżura ta' bejgħ korporattiv, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-SRMR b'rabta mal-Artikolu 39 (1) tal-BRRD, u ma għandhiex għalfejn tiġi supplimentata/ripetuta ħafna aktar kmieni minn dan, jiġifieri, qabel ma istituzzjoni tkun laħqet l-istatus ta' FOLF. Il-kummerċjalizzazzjoni, li tinkludi r-riskju ta' ħsara għar-reputazzjoni lill-istituzzjoni u d-divulgazzjoni ta' sigrieti tal-mestier, għandha titqies b'mod esklużiv bħala komponent (u mhux bħala tħejjija) ta' miżura ta' riżoluzzjoni u għandha titwettaq biss meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni.

Emenda 188
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tħejjija għar-riżoluzzjoni ta' dik l-entità, soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament;	(a) it-tħejjija għar-riżoluzzjoni ***probabbli ħafna*** ta' dik l-entità, soġġetta għall-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u għar-rekwiżiti tas-segretezza professjonali stabbiliti fl-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kummerċjalizzazzjoni hija diġà rregolata bħala parti mill-miżura ta' bejgħ korporattiv, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-SRMR b'rabta mal-Artikolu 39 (1) tal-BRRD, u ma għandhiex għalfejn tiġi supplimentata/ripetuta ħafna aktar kmieni minn dan, jiġifieri, qabel ma istituzzjoni tkun laħqet l-istatus ta' FOLF. Il-kummerċjalizzazzjoni, li tinkludi r-riskju ta' ħsara għar-reputazzjoni lill-istituzzjoni u d-divulgazzjoni ta' sigrieti tal-mestier, għandha titqies b'mod esklużiv bħala komponent (u mhux bħala tħejjija) ta' miżura ta' riżoluzzjoni u għandha titwettaq biss meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni.

Emenda 189
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-informar tal-valutazzjoni mill-Bord dwar il-kundizzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kummerċjalizzazzjoni hija diġà rregolata bħala parti mill-miżura ta' bejgħ korporattiv, f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-SRMR b'rabta mal-Artikolu 39 (1) tal-BRRD, u ma għandhiex għalfejn tiġi supplimentata/ripetuta ħafna aktar kmieni minn dan, jiġifieri, qabel ma istituzzjoni tkun laħqet l-istatus ta' FOLF. Il-kummerċjalizzazzjoni, li tinkludi r-riskju ta' ħsara għar-reputazzjoni lill-istituzzjoni u d-divulgazzjoni ta' sigrieti tal-mestier, għandha

titqies b'mod esklużiv bħala komponent (u mhux bħala tħejjija) ta' miżura ta' riżoluzzjoni u għandha titwettaq biss meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni.

Emenda 190
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-BĊE, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni rilevanti bi kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafi 4 u 5 mingħajr dewmien.	7. Il-Bord għandu jinforma lill-Kummissjoni, lill-BĊE, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni rilevanti ***u l-ministeri nazzjonali rilevanti*** bi kwalunkwe azzjoni meħuda skont il-paragrafi 4 u 5 mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 191
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 13c – paragrafu 8 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-BĊE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni rilevanti għandhom jikkooperaw mill-qrib:	Il-BĊE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni rilevanti ***u l-ministeri nazzjonali rilevanti*** għandhom jikkooperaw mill-qrib:

Or. en

Emenda 192
Ernest Urtasun

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja***, b'mod partikolari meta tiġi pprovduta mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

Or. en

Emenda 193
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja***, b'mod partikolari meta tiġi pprovduta mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva ta' għajnuna mill-Istat, kull għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja hija għajnuna mill-Istat, kemm jekk tiġi mill-baġit ta' Stat Membru kif ukoll jekk le. Ma hemm l-ebda ħtieġa li nisseparaw il-każijiet differenti ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja.

Emenda 194
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja***, b'mod partikolari meta tiġi pprovduta mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

Or. en

Emenda 195
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja***, b'mod partikolari meta tiġi pprovduta mill-baġit ta' Stat Membru***;	(c) li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja;

Or. en

Emenda 196
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti ***d-depożitanti*** filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta'	(d) li jiġu protetti ***depożiti koperti, u sa fejn possibbli anke l-parti mhux koperta***

garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	***tad-depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju,*** filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-objettivi ta' riżoluzzjoni, korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu ttrattati aħjar minn klijenti oħra. Barra minn hekk, huwa importanti li jinżamm l-objettiv li jitnaqqas it-telf għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti, li huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-limitazzjoni tal-appoġġ estern għall-aktar minimu possibbli u l-effiċjenza ekonomika tal-proċess ta' riżoluzzjoni.

Emenda 197
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti ***billi jiġi permess l-involviment kosteffettiv tal-SGD***, u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Emenda 198
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti,*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;***;***	(d) li jiġu protetti d-depożitanti u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;

Or. en

Emenda 199
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti,*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Emenda 200
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;";	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi evitata l-ħsara morali, id-depożitanti koperti biss għandhom jiġu protetti.

Emenda 201
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti, u li jiġu protetti*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE***;***;	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE u*** l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;

Or. en

Emenda 202
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiġu protetti d-depożitanti***, filwaqt li jiġi mminimizzat it-telf għal skemi ta' garanzija tad-depożiti,*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE***;***	(d) li jiġu protetti d-depożitanti ***koperti mid-Direttiva 2014/49/UE*** u li jiġu protetti l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The draft amendment of Art. 14 (2) point (d) deletes the reference to the Deposit Guarantee Scheme Directive 2014/49/EU with the consequence that in future the protection of all deposits should be the objective of resolution. However, this is not necessary, as deposits not protected by the deposit guarantee scheme are also regularly given sufficient protection in insolvency proceedings.According to the explanatory memorandum in the legislative

proposal, the insertion of "while minimizing losses" should have the consequence that resolution is always a priority if insolvency would cause higher costs. Although it is welcome that the losses of deposit guarantee schemes are supposed to remain in control, the ultimate intention behind the insertion is rejected.

Emenda 203
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) fl-Artikolu 14, jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:
	"2a. Soġġetti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dan ir-Regolament, l-għanijiet tar-riżoluzzjoni huma ta' sinifikanza ugwali, u l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jibbilanċjawhom kif xieraq man-natura u ċ-ċirkostanzi ta' kull każ. Għall-finijiet tal-Artikolu 18(5), l-objettivi tal-preżervazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u l-protezzjoni tad-depożitanti skont il-punti (b) u (d) tal-paragrafu 2, rispettivament, għandhom jitqiesu aktar sinifikanti minn objettivi ta' riżoluzzjoni oħrajn.";

Or. en

Emenda 204
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'kont meħud tat-twaqqit***, tal-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-***	(b) b'kont meħud tat-twaqqit u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx

istrateġija ta' riżoluzzjoni u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;

hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perjodu ta' żmien biex jiġu implimentati miżuri privati alternattivi ma għandux ikun limitat b'mod artifiċjali.

Emenda 205
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'kont meħud tat-twaqqit***, tal-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni*** u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;	(b) b'kont meħud tat-twaqqit u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;

Or. en

Emenda 206
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) b'kont meħud tat-twaqqit, ***tal-ħtieġa li tiġi implimentata b'mod effettiv l-istrateġija ta' riżoluzzjoni*** u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;	(b) b'kont meħud tat-twaqqit, u ta' ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkunx hemm prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, azzjoni superviżorja, miżuri ta' intervent bikri, jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fl-Artikolu 21(1), meħudin fir-rigward tal-entità, tkun tipprevjeni l-falliment tal-entità f'limitu ta' żmien raġonevoli;

Or. en

Emenda 207
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-BĊE ***jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti jkunu vvalutaw*** li l-kundizzjoni msemmija ***fl-ewwel*** subparagrafu***, il-punt (a),*** tkun issodisfata fir-rigward ta' entità kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord ***mingħajr dewmien***.	Meta l-BĊE ***jivvaluta*** li l-kundizzjoni msemmija ***fil-punt (a) tal-ewwel*** subparagrafu tkun issodisfata fir-rigward ta' entità ***jew grupp*** kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni ***mingħajr dewmien*** lill-Kummissjoni u lill-Bord ***filwaqt li jqis, madankollu, li l-miżuri preventivi meħuda***

minn SPI li taqa' taħt l-Artikolu 1(2), il-punt (c), tad-Direttiva 2014/49/UE ma għandhomx iwasslu għad-determinazzjoni li l-istituzzjoni ta' kreditu qed tfalli jew x'aktarx li tfalli skont dan l-Artikolu jew l-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2014/59/UE jekk jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11f tad-Direttiva 2014/49/UE.

Or. en

Emenda 208
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1a. Il-Bord ***jista'*** jadotta skema ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' korp ċentrali u ***tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod*** permanenti miegħu li huma parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni meta l-korp ċentrali u ***l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha affiljati b'mod*** permanenti miegħu, jew il-grupp ta' riżoluzzjoni li jappartjeni għalih, jikkonformaw fis-sħuħija tagħhom mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.	1a. ***Meta azzjoni ta' riżoluzzjoni titqies neċessarja fl-interess pubbliku,*** il-Bord ***għandu*** jadotta skema ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' korp ċentrali u ***tal-affiljati*** permanenti miegħu li huma parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni meta l-korp ċentrali u ***l-affiljati*** permanenti miegħu, jew il-grupp ta' riżoluzzjoni li jappartjeni għalih, jikkonformaw fis-sħuħija tagħhom mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu. ***Il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, għandha ssir b'mod esklużiv għall-korp ċentrali u l-affiljati permanenti tiegħu fuq livell globali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The solidarity mechanism among a central body and its affiliates ensures that losses of one or more affiliates will be shared among all affiliates, leading them all to be FOLTF. Thus, it is important to clarify that FOLTF assessment in relation to a central body and its affiliates should not be done on an entity-by-entity basis, but on the whole affiliation perimeter given

the solidarity mechanism. This is important to ensure that the resolution authorities can effectively use the power described in this article. It must also be ensured that resolution authorities can take resolution action in relation to a central body and all kind of affiliated entities and institutions that are part of resolution group (and not only in relation to credit institutions affiliated to a central body).

Emenda 209
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Mingħajr preġudizzju għall-każijiet meta l-BĊE jkun iddeċieda li jeżerċita direttament kompiti superviżorji relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 6(5), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, fil-każ li jirċievi komunikazzjoni skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' entità jew ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 7(3), il-Bord għandu jikkomunika l-valutazzjoni tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1, ir-raba'*** subparagrafu***, lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mingħajr dewmien***.	2. ***Qabel jiġi ddeterminat li istituzzjoni qed tfalli jew x'aktarx li tfalli, l-awtorità rilevanti msemmija fit-tieni*** subparagrafu ***tal-Artikolu 18(1) għandha teżamina jekk jeżistux miżuri, inkluż miżuri tas-settur privat alternattivi, azzjoni superviżorja jew miżuri ta' intervent bikri, li jistgħu jevitaw id-dikjarazzjoni ta' falliment jew ta' kważi falliment***.

Or. en

Emenda 210
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet meta l-BĊE jkun iddeċieda li jeżerċita	2. Mingħajr preġudizzju għall-każijiet meta l-BĊE jkun iddeċieda li jeżerċita

direttament kompiti superviżorji relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 6(5), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, fil-każ li jirċievi komunikazzjoni skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' entità jew ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 7(3), il-Bord għandu jikkomunika l-valutazzjoni tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu, lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mingħajr dewmien.	direttament kompiti superviżorji relatati mal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 6(5), il-punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, fil-każ li jirċievi komunikazzjoni skont il-paragrafu 1 fir-rigward ta' entità jew ta' grupp kif imsemmi fl-Artikolu 7(3), il-Bord għandu jikkomunika l-valutazzjoni tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1, ir-raba' subparagrafu, lill-BĊE jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti mingħajr ***ebda*** dewmien ***u b'mod f'waqtu***.
	Or. en

Emenda 211
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin ***fl-Artikolu 14*** u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv***.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta***, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3),*** dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin ***f'dak l-Artikolu 31,*** u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***bl-istess mod***.
	Or. en

Emenda 212
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv***.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***bl-istess mod***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati biss meta l-proċedimenti ta' stralċ huma inqas effettivi.

Emenda 213
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' ***wieħed jew ta' aktar mill-objettivi*** tar-riżoluzzjoni ***msemmijin fl-Artikolu 14*** u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv***.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta***, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3),*** dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward tar-riżoluzzjoni ***msemmija f'dik l-Artikolu 14*** u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***bl-istess mod***.

Or. en

Emenda 214
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv***.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***bl-istess mod***.

Or. en

Emenda 215
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***b'mod aktar effettiv***.	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala waħda fl-interess pubbliku meta dik l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun neċessarja għall-kisba u proporzjonata fir-rigward ta' wieħed jew ta' aktar mill-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 14 u meta l-istralċ tal-istituzzjoni fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jissodisfax dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni ***bl-istess mod***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-insolvenza nazzjonali jew il-klassifikazzjoni bħala istituzzjoni ta' insolvenza huma permessi biss jekk dan jiżgura stabbiltà finanzjarja li tkun aħjar mir-riżoluzzjoni. Skont dan, il-maġġoranza vasta jew probabbilment l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha jistgħu jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni (jiġifieri entitajiet mhux ta' likwidazzjoni) fil-futur. B'konsegwenza ta' dan, din ir-riklassifikazzjoni tirriżulta f'pożijiet amministrattivi u finanzjarji konsiderevoli għal istituzzjonijiet ta' insolvenza preċedenti (obbligi ta' rapportar għal pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif ukoll konformità mal-kwoti tal-MREL bil-kapital tal-MREL).

Emenda 216
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, skont l-Artikoli 8(2), 9(2) u 12d(2), il-Bord, sabiex jivvaluta l-adegwatezza tar-riżoluzzjoni għall-istituzzjoni, iqis l-elementi li ġejjin: (a) il-prevalenza ta' depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament; (b) l-aċċess għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli; (c) sa fejn l-istituzzjoni tibbaża fuq il-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex tissodisfa r-rekwiżiti kapitali tagħha.

Or. en

Emenda 217
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha titqies li ma tkunx fl-interess pubbliku għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), meta l-istituzzjoni tikkwalifika bħala istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt 145 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'każ li l-Bord jivvaluta li wieħed jew aktar minn dawk l-objettivi ta' riżoluzzjoni jkunu qegħdin f'riskju, il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà fil-qafas, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' PIA negattiva għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, u ta' PIA pożittiva għal istituzzjonijiet kbar. Dment li jibqa' jkun hemm flessibbiltà biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jwettqu l-valutazzjoni tal-interess pubbliku, jistgħu jibqgħu prattiki diverġenti fil-ġuriżdizzjonijiet, li eventwalment jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-prevedibbiltà tal-qafas.

Emenda 218
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għal entitajiet maħtura bħala sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandu jkun hemm preżunzjoni li l-istralċ fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma jilħaqx l-objettivi ta' riżoluzzjoni bl-istess mod.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-miżuri ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu applikati biss meta l-proċedimenti ta' stralċ huma inqas effettivi.

Emenda 219
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha titqies li tkun fl-interess pubbliku għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu, meta l-istituzzjoni tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (146), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'każ li l-Bord jivvaluta li l-ebda objettiv ta' riżoluzzjoni ma jkun qiegħed f'riskju, il-preżunzjoni ma għandhiex tapplika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà fil-qafas, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' PIA negattiva għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, u ta' PIA pożittiva għal istituzzjonijiet kbar. Dment li jibqa' jkun hemm flessibbiltà biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jwettqu l-valutazzjoni tal-interess pubbliku, jistgħu jibqgħu prattiki diverġenti fil-ġuriżdizzjonijiet, li eventwalment jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-prevedibbiltà tal-qafas.

Emenda 220
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni tal-kostijiet addizzjonali relatati mat-tfassil tal-proċess ta' riżoluzzjoni li jiffoka biss fuq assistenza finanzjarja pubblika eċċezzjonali tista' twassal għal perspettiva assimetrika dwar il-likwidazzjoni tal-insolvenza. Bħala riżultat, il-kunsiderazzjonijiet tal-kostijiet ma għandhomx jiddaħħlu fil-PIA.

Emenda 221
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 222
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, ***fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli***.;	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, ***skont l-Artikoli 8(2), 9(2) u 12d(2), sabiex jivvaluta l-adegwatezza tar-riżoluzzjoni għall-istituzzjoni, iqis l-elementi li ġejjin:***
	(a) il-prevalenza ta' depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament;
	(b) l-aċċess għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli;
	(c) sa fejn l-istituzzjoni tibbaża fuq il-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex tissodisfa r-rekwiżiti kapitali tagħha.;

Or. en

Emenda 223
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, ***fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.***;	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, ***skont l-Artikoli 8(2), 9(2) u 12d(2), sabiex jivvaluta l-adegwatezza tar-riżoluzzjoni għall-istituzzjoni, għandu jqis l-elementi li ġejjin:***
	(a) il-prevalenza ta' depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament;
	(b) l-aċċess għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli;
	(c) sa fejn l-istituzzjoni tibbaża fuq il-kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex tissodisfa r-rekwiżiti kapitali tagħha.

Or. en

Emenda 224
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.; ***Jekk tkun mistennija li***

applikabbli.;	***tingħata għajnuna ta' likwidazzjoni fl-istralċ tal-istituzzjoni skont id-dritt nazzjonali, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tiġi vvalutata li tkun fl-interess pubbliku.***

Or. en

Emenda 225
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu ***jikkunsidra*** u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.;	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih fiż-żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu ***jevalwa*** u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.;

Or. en

Emenda 226
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih ***fiż-***	Meta jwettaq il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għalih ***f'dak***

żmien ta' dik il-valutazzjoni, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.;

iż-żmien, għandu jikkunsidra u jqabbel l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja kollha li tista' tkun raġonevolment mistennija li tingħata lill-entità, kemm fil-każ ta' riżoluzzjoni kif ukoll fil-każ ta' stralċ f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli.";

Or. en

Emenda 227
Pedro Marques, Aurore Lalucq, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu, l-Istati Membri parteċipanti, l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u, meta meħtieġ, l-awtorità dežinjata skont l-Artikolu 2(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/49/UE għandha żżomm lill-Bord infurmat dwar kwalunkwe miżura preparatorja għall-għoti tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 18a(1), il-punti (c) u (d), ta' dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe kuntatt ta' qabel in-notifika mal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 228
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Barra minn hekk, fil-pjan ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jinkludi r-raġunament tiegħu rigward il-proċedura li tilħaq l-aħjar objettivi ta' riżoluzzjoni għal kull wieħed mill-objettivi ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà fil-qafas, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' PIA negattiva għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, u ta' PIA pożittiva għal istituzzjonijiet kbar. Dment li jibqa' jkun hemm flessibbiltà biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jwettqu l-valutazzjoni tal-interess pubbliku, jistgħu jibqgħu prattiki diverġenti fil-ġuriżdizzjonijiet, li eventwalment jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-prevedibbiltà tal-qafas.

Emenda 229
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt ea (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	11a. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu jagħti gwida u jindirizza istruzzjonijiet lil awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għall-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiżdied il-prevedibbiltà fil-qafas, għandu jkun hemm preżunzjoni ta' PIA negattiva għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, u ta' PIA pożittiva għal istituzzjonijiet kbar.

Dment li jibqa' jkun hemm flessibbiltà biex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jwettqu l-valutazzjoni tal-interess pubbliku, jistgħu jibqgħu prattiki diverġenti fil-ġuriżdizzjonijiet, li eventwalment jistgħu jaffettwaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-prevedibbiltà tal-qafas.

Emenda 230
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għajnuna finanzjarja ***pubblika*** straordinarja	Għajnuna finanzjarja straordinarja

Or. en

Emenda 231
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tingħata lil entità kif imsemmi fl-Artikolu 2 biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u dment li l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tikkonforma mal-kundizzjonijiet u mar-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:	1. Għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tingħata lil entità kif imsemmi fl-Artikolu 2 ***fuq bażi eċċezzjonali*** biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u dment li l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tikkonforma mal-kundizzjonijiet u mar-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat ***u tali għajnuna hija implimentata fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li ma jkunx obbligatorju li l-Istati Membri jkollhom l-għażliet ta' appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarji kollha disponibbli. Din għandha tkun b'mod ċar għażla ta' Stat Membru jekk jixtiequ li jkollhom disponibbli xi wħud mill-punti (a) sa (d), jew il-punti kollha. Ma rridux preżunzjoni li l-Istat ikun dejjem lest li jsalva lill-banek f'diffikultà. Minflok, huwa preferibbli li jkun hemm qafas ta' riżoluzzjoni u ta' insolvenza kredibbli biex jiġu indirizzati tali banek.

Emenda 232
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għajnuna finanzjarja ***pubblika*** straordinarja barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tingħata lil entità kif imsemmi fl-Artikolu 2 biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u dment li l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tikkonforma mal-kundizzjonijiet u mar-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:	1. Għajnuna finanzjarja straordinarja barra mill-azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tingħata lil entità kif imsemmi fl-Artikolu 2 biss f'wieħed mill-każijiet li ġejjin u dment li l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tikkonforma mal-kundizzjonijiet u mar-rekwiżiti stabbiliti fil-qafas tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat:

Or. en

Emenda 233
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru jew	***imħassar***

sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

(i) garanzija tal-Istat sabiex issostni l-faċilitajiet ta' likwidità minn banek ċentrali f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-banek ċentrali;

(ii) garanzija tal-Istat għal obbligazzjonijiet maħruġin ġodda;

(iii) akkwiżizzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji għajr strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew użu ta' miżuri ta' assi indeboliti bi prezzijiet, b'durata, u b'termini li ma jagħtux vantaġġ mhux dovut lill-istituzzjoni jew lill-entità kkonċernata, dment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18(4), il-punti (a), (b) jew (c), jew fl-Artikolu 21(1) ma tkun preżenti fil-mument li fih tingħata l-għajnuna pubblika.

Or. en

Emenda 234
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru jew sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ***ta' natura eċċezzjonali jew sistemika*** jew sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

Or. en

Emenda 235
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ***jew*** sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:	(a) meta, sabiex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru ***u*** sabiex tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja, l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu kwalunkwe waħda mill-forom li ġejjin:

Or. en

Emenda 236
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' intervent permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti sabiex tippreżerva s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, dment li ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18(4);	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

None of the private measures under the DGSD should be subject to state aid law. The DGS

funds are privately collected, they are not taxpayers' money. In addition, a state aid audit causes a long delay, which prevent the rapid implementation of preventive or alternative measures or deposit compensation. Article 11b(6) DGSD draft makes the implementation of preventive measures virtually impossible in view of the timeline. Accordingly, Article 11b(6) DGSD draft should be deleted. Furthermore, similar regulations in the SRMR must be adapted: Article 18a(1) point (b) SRMR draft should be clarified so that preventive measures are not classified as state aid and do not trigger state aid proceedings.

Emenda 237
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' intervent permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti sabiex tippreżerva s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, dment li ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18(4);	(b) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' intervent ***kosteffettiv*** permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti sabiex tippreżerva s-soliditá finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tal-istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 11a u 11b tad-Direttiva 2014/49/UE, dment li ma tkun preżenti l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18(4);

Or. en

Emenda 238
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' intervent permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ ta'	(c) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' intervent ***kosteffettiv*** permezz ta' skema ta' garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-istralċ

istituzzjoni skont l-Artikolu 32b tad-Direttiva 2014/59/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;	ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 32b tad-Direttiva 2014/59/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE;

Or. en

Emenda 239
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja tieħu l-forma ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE mogħtija fil-kuntest tal-istralċ tal-istituzzjoni jew tal-entità skont l-Artikolu 32b tad-Direttiva 2014/59/UE, minbarra l-appoġġ mogħti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2014/49/UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 240
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhom jinkludu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	Il-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a) ***u (b)***, għandhom jinkludu dawn il-kundizzjonijiet kollha li

ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom ta' appoġġ preventivi għandhom jiġu ttrattati fl-istess livell biex jippreżervaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privata. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, irid jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 241
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt ***(a)***, għandhom jinkludu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	Il-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt ***(b)***, għandhom jinkludu dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 242
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-miżuri huma ta' natura prekawzjonarja u temporanja u huma bbażati fuq strateġija ta' ħruġ iddefinita minn qabel approvata mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti***, inklużi data ta' terminazzjoni speċifikata b'mod ċar, data tal-bejgħ jew skeda tar-***	(b) il-miżuri huma ta' natura prekawzjonarja u temporanja u huma bbażati fuq strateġija ta' ħruġ iddefinita minn qabel approvata mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti;

ripagamenti għal kwalunkwe waħda mill-miżuri pprovduti;

Or. en

Emenda 243
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-miżuri ma jintużawx sabiex jikkumpensaw għat-telf li ġarrbet l-entità jew li x'aktarx iġġarrab ***fil-futur qarib***.	(d) il-miżuri ma jintużawx sabiex jikkumpensaw għat-telf li ġarrbet l-entità jew li x'aktarx iġġarrab ***matul it-12-il xahar li ġejjin***.

Or. en

Emenda 244
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-miżuri ma jintużawx sabiex jikkumpensaw għat-telf li ġarrbet l-entità jew li x'aktarx iġġarrab ***fil-futur qarib***.	(d) il-miżuri ma jintużawx sabiex jikkumpensaw għat-telf li ġarrbet l-entità jew li x'aktarx iġġarrab ***fit-12-il xahar li ġejjin***.

Or. en

Emenda 245
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), entità għandha titqies solventi meta l-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti jkunu kkonkludew li ma jkun seħħ l-ebda ksur, jew ***x'aktarx li*** mhux se jseħħ ksur fit-12-il xahar ta' wara, ta' kwalunkwe rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), entità għandha titqies solventi meta l-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti jkunu kkonkludew li ***fil-kundizzjonijiet ekonomiċi kurrenti,*** ma jkun seħħ l-ebda ksur, jew mhux ***prevedibbli li*** se jseħħ ksur fit-12-il xahar ta' wara, ta' kwalunkwe rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 246
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), entità għandha titqies solventi meta l-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti jkunu kkonkludew li ma jkun seħħ l-ebda ksur, ***jew x'aktarx li mhux se jseħħ ksur fit-12-il xahar ta' wara,*** ta' kwalunkwe rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), entità għandha titqies solventi meta l-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti jkunu kkonkludew li ma jkun seħħ l-ebda ksur, ta' kwalunkwe rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE, fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2019/2034 jew ir-rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt

rekwiżiti applikabbli rilevanti skont id-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni.	nazzjonali jew tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 247
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-BĊE jew l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti jistgħu jqisu li entità tkun solventi meta jiddeterminaw li ksur tar-rekwiżiti msemmija fit-tieni subparagrafu jkun ta' natura temporanja, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ, u dment li l-entità tkun tista' turi pjan raġonevoli għar-rimedju tal-ksur fi żmien xieraq, kif determinat mill-BĊE jew l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti.

Or. en

Emenda 248
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab l-entità. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, dment li l-karta bilanċjali	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab l-entità. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq ***rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-BĊE, mill-EBA jew***

tikkonforma mar-regoli u mal-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti***, u, meta disponibbli, fuq ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-BĊE, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali jew, meta jkun xieraq, wara spezzjonijiet fuq il-post imwettqin mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali*** kompetenti ***rilevanti***.	***mill-awtoritajiet nazzjonali, jew, meta jkun xieraq, fuq spezzjonijiet fuq is-sit imwettqa mill-awtorità kompetenti. Meta tali eżerċizzji ma jistgħux jitwettqu f'waqthom, l-awtorità kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq*** il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, dment li l-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u mal-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti***. L-awtorità*** kompetenti ***għandha tagħmel l-aqwa sforz biex tiżgura li l-kwantifikazzjoni hija bbażata fuq il-valur tas-suq tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni jew entità***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom ta' appoġġ preventivi għandhom jiġu ttrattati fl-istess livell biex jippreżervaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privata. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, irid jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 249
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab l-entità. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, dment li l-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u mal-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti***, u, meta***	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-awtorità kompetenti rilevanti għandha tikkwantifika t-telf li ġarrbet jew li x'aktarx iġġarrab l-entità. Dik il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata, bħala minimu, fuq ***rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-BĊE, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali jew, meta jkun xieraq, fuq spezzjonijiet fuq is-sit imwettqa mill-BĊE jew mill-awtorità***

disponibbli, fuq ir-rieżamijiet tal-kwalità tal-assi mwettqa mill-BĊE, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali jew, meta jkun xieraq, wara spezzjonijiet fuq il-post imwettqin mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti.	***nazzjonali kompetenti rilevanti. Meta tali eżerċizzji ma jistgħux jitwettqu f'waqthom, l-awtorità kompetenti tista' tibbaża l-evalwazzjoni tagħha fuq*** il-karta bilanċjali tal-istituzzjoni, dment li l-karta bilanċjali tikkonforma mar-regoli u mal-istandards kontabilistiċi applikabbli, kif ikkonfermati minn awditur estern indipendenti.

Or. en

Emenda 250
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta' appoġġ ***imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a)(iii), għandhom ikunu limitati*** għal miżuri li jkunu ġew ivvalutati mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti kif neċessarji sabiex tinżamm is-solvenza tal-entità billi jiġi indirizzat id-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers stress tests nazzjonali, tal-Unjoni jew madwar l-MSU, jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqin mill-BĊE, mill-EBA jew mill-awtoritajiet nazzjonali, meta applikabbli, ikkonfermati mill-BĊE jew mill-awtorità kompetenti rilevanti.	***Il-miżuri*** ta' appoġġ ***jistgħu jinvolvu akkwiżizzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji għajr strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew ta' strumenti kapitali oħrajn, jew użu ta' miżuri ta' assi indeboliti bi prezzijiet, b'durata, u b'termini li ma jagħtux vantaġġ mhux dovut lill-istituzzjoni jew lill-entità kkonċernata, dment li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmijin fl-Artikolu 18(4), il-punti (a), (b) jew (c), jew fl-Artikolu 21(1) ma tkun preżenti fil-mument li fih tingħata l-għajnuna pubblika.*** ***Tali appoġġ għandu jkun limitat*** għal miżuri li jkunu ġew ivvalutati mill-BĊE jew mill-awtorità nazzjonali kompetenti kif neċessarji sabiex tinżamm is-solvenza tal-entità billi jiġi indirizzat id-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers stress tests nazzjonali, tal-Unjoni jew madwar l-MSU, jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqin mill-BĊE, mill-EBA jew mill-

	awtoritajiet nazzjonali, meta applikabbli, ikkonfermati mill-BĊE jew mill-awtorità kompetenti rilevanti. ***L-appoġġ ma għandux jintuża biex jindirizza defiċit ta' kapital stabbilit fix-xenarju bażi ta' testijiet tal-istress nazzjonali, madwar l-Unjoni jew tal-MSU jew eżerċizzji ekwivalenti mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew, l-EBA jew l-awtoritajiet nazzjonali.***

Or. en

Emenda 251
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-paragrafu 1, il-punt (a)(iii), l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa ***b'mod eċċezzjonali*** meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ta' fondi proprji ieħor jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fl-istress test rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. ***L-ammont ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 akkwiżiti ma għandux jaqbeż it-2 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.***	L-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ta' fondi proprji ieħor jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fl-istress test rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti.

Or. en

Emenda 252
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga ***mill-paragrafu 1, il-punt (a)(iii)***, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa b'mod eċċezzjonali meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ta' fondi proprji ieħor jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fl-istress test rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. L-ammont ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 akkwiżiti ma għandux jaqbeż it-2 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	B'deroga ***mir-raba subparagrafu***, l-akkwiżizzjoni ta' strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni għandha tkun permessa b'mod eċċezzjonali meta n-natura tad-defiċit identifikat tkun tali li l-akkwiżizzjoni ta' kwalunkwe strument ta' fondi proprji ieħor jew ta' strumenti kapitali oħrajn ma tkunx tagħmilha possibbli għall-entità kkonċernata li tindirizza d-defiċit ta' kapital tagħha stabbilit fix-xenarju avvers fl-istress test rilevanti jew f'eżerċizzju ekwivalenti. L-ammont ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 akkwiżiti ma għandux jaqbeż it-2 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni jew tal-entità kkonċernata kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Or. en

Emenda 253
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a) ***u (b)***, ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor

f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18(1), il-punt (a), tkun issodisfata fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità li tkun irċiviet dawk il-miżuri ta' appoġġ u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord, f'konformità mal-Artikolu 18(1), it-tielet subparagrafu.;	f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18(1), il-punt (a), tkun issodisfata fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità li tkun irċiviet dawk il-miżuri ta' appoġġ u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord, f'konformità mal-Artikolu 18(1), it-tielet subparagrafu.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-forom ta' appoġġ preventivi għandhom jiġu ttrattati fl-istess livell biex jippreżervaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, kemm jekk jiġu minn fondi pubbliċi kif ukoll minn SGD privata. Fir-rikapitalizzazzjoni prekawzjonarja, irid jiġi żgurat li tintuża l-aktar valutazzjoni xierqa.

Emenda 254
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ ***imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a),*** ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18(1), il-punt (a), tkun issodisfata fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità li tkun irċiviet dawk il-miżuri ta' appoġġ u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord, f'konformità mal-Artikolu 18(1), it-tielet subparagrafu.;	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18(1), il-punt (a), tkun issodisfata fir-rigward tal-istituzzjoni jew tal-entità li tkun irċiviet dawk il-miżuri ta' appoġġ u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord, f'konformità mal-Artikolu 18(1), it-tielet subparagrafu.;

Or. en

Emenda 255
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha ***tikkonkludi li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 18(1), il-punt (a), tkun issodisfata fir-rigward tal-istituzzjoni*** jew ***tal-entità li tkun irċiviet dawk il-miżuri ta' appoġġ u għandha tikkomunika dik il-valutazzjoni lill-Kummissjoni u lill-Bord, f'konformità mal-Artikolu 18(1), it-tielet subparagrafu.;***	F'każ li kwalunkwe waħda mill-miżuri ta' appoġġ imsemmijin fil-paragrafu 1, il-punt (a), ma tinfediex, ma titħallasx lura jew ma tiġix itterminata b'xi mod ieħor f'konformità mat-termini tal-istrateġija ta' ħruġ stabbilita fiż-żmien tal-għoti ta' tali miżura, il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha ***titlob li l-istituzzjoni*** jew ***l-entità tissottometti pjan ta' rimedju li jiddeskrivi l-passi li għandhom jittieħdu sabiex tiġi rrestawrata l-konformità mar-rekwiżiti superviżorji, il-vijabbiltà fit-tul tagħha u li tħallas lura l-ammont ipprovdut, kif ukoll it-tul ta' żmien assoċjat.;***

Or. en

Emenda 256
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-BĊE jew l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti ma tirrikonoxxix il-pjan ta' rimedju bħala kredibbli jew fattibbli, jew meta l-istituzzjoni jew l-

entità tonqos milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju, għandha titwettaq valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni jew l-entità hijiex qed tfalli jew aktarx li tfalli f'konformità mal-Artikolu 18.

Or. en

Emenda 257
Roberts Zīle

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2 – subparagrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-BĊE jew l-awtorità kompetenti nazzjonali rilevanti ma tirrikonoxxix il-pjan ta' rimedju bħala kredibbli jew fattibbli, jew meta l-istituzzjoni jew l-entità tonqos milli tikkonforma mal-pjan ta' rimedju, għandha titwettaq valutazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni jew l-entità hijiex qed tfalli jew aktarx li tfalli f'konformità mal-Artikolu 18.

Or. en

Emenda 258
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-BĊE jew l-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti għandha tinforma lill-Bord bil-valutazzjoni tagħha dwar jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a), (b) u (d), fir-

rigward tal-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2), u għall-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(4), il-punt (b), u l-Artikolu 7(5) humiex issodisfati.

Or. en

Emenda 259
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 18 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (d), il-miżuri ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a) jistgħu jintużaw biex jikkumpensaw għat-telf li l-istituzzjoni jew l-entità x'aktarx iġġarrab fil-futur qarib meta ssir eċċezzjoni għar-rekwiżit tal-kondiviżjoni tal-pożijiet fil-qafas tal-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 260
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jew tal-Fond f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-iskema ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18(6) ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tidħol fis-seħħ	Meta l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE jew tal-Fond f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-iskema ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18(6) ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tidħol fis-seħħ

qabel ma l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni pożittiva jew kondizzjonali, jew deċiżjoni li ma hijiex se tqajjem oġġezzjoni, dwar il-kompatibbiltà tal-użu ta' tali għajnuna mas-suq intern. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-użu tal-għajnuna mill-Istat jew tal-għajnuna mill-Fond mas-suq intern sa mhux aktar tard minn meta tapprova jew toġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 18(7), it-tieni subparagrafu, jew meta jiskadi l-perjodu ta' 24 siegħa msemmi fl-Artikolu 18(7), il-ħames subparagrafu, skont liema jiġi l-ewwel.	qabel ma l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni pożittiva jew kondizzjonali, jew deċiżjoni li ma hijiex se tqajjem oġġezzjoni, dwar il-kompatibbiltà tal-użu ta' tali għajnuna mas-suq intern***, filwaqt li tqis il-ħtieġa tal-eżekuzzjoni fil-ħin ta' skema ta' riżoluzzjoni mill-Bord***. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-użu tal-għajnuna mill-Istat jew tal-għajnuna mill-Fond mas-suq intern sa mhux aktar tard minn meta tapprova jew toġġezzjona għall-iskema ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 18(7), it-tieni subparagrafu, jew meta jiskadi l-perjodu ta' 24 siegħa msemmi fl-Artikolu 18(7), il-ħames subparagrafu, skont liema jiġi l-ewwel. ***Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni fi żmien 24 siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-Bord, l-iskema ta' riżoluzzjoni għandha titqies awtorizzata mill-Kummissjoni u għandha tidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 18(7), il-ħames subparagrafu.***
	Or. en

Emenda 261
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ deċiżjoni negattiva, indirizzata lill-Bord, li fiha tiddeċiedi li l-użu tal-Fond Uniku kif propost ma jkunx kompatibbli mas-suq intern u ma jkunx jista' jiġi implimentat fil-forma kif proposta mill-Bord. Malli jirċievi deċiżjoni bħal din, il-Bord għandu jikkunsidra mill-ġdid l-iskema ta' riżoluzzjoni tiegħu u għandu jħejji skema ta' riżoluzzjoni riveduta.;	Il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ deċiżjoni negattiva, indirizzata lill-Bord, li fiha tiddeċiedi li l-użu tal-Fond Uniku kif propost ma jkunx kompatibbli mas-suq intern u ma jkunx jista' jiġi implimentat fil-forma kif proposta mill-Bord. Malli jirċievi deċiżjoni bħal din, il-Bord għandu jikkunsidra mill-ġdid l-iskema ta' riżoluzzjoni tiegħu u għandu jħejji skema ta' riżoluzzjoni riveduta.;

Or. en

Emenda 262
Luděk Niedermayer

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel jiddeċiedi dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni, jew il-kundizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.***;***	1. Qabel jiddeċiedi dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni, jew il-kundizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna ***bl-għarfien espert xieraq*** li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.

Or. en

Emenda 263
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ***jiddeċiedi dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni, jew il-kundizzjonijiet għall-valwazzjoni*** negattiva jew ***għall-konverżjoni ta' strumenti*** kapitali u ta'	1. Qabel ***jieħu azzjoni dwar ir-riżoluzzjoni jew qabel jeżerċita s-setgħa għal valwazzjoni*** negattiva jew ***il-konverżjoni tal-istrumenti*** kapitali ***rilevanti*** u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

obbligazzjonijiet eliġibbli ***kif imsemmi fl-Artikolu*** 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.***;***	***f'konformità mal-Artikolu*** 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to the current version of Art. 20 (1), the resolution authority shall only obtain a valuation of the assets and liabilities by a third party if a write-down of capital instruments or a resolution takes place. Now, the valuation is to be obtained before it is determined that the conditions for resolution or write-down exist. It is therefore possible for the authority to obtain a valuation even though the corresponding measures are not subsequently taken because the conditions are not met. It is not clear why the timing of the assessment is brought forward. The burdens that regularly accompany such an assessment therefore do not appear to be justified at this stage yet.

Emenda 264
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qabel ***jiddeċiedi dwar jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni, jew il-kundizzjonijiet għall-valwazzjoni*** negattiva jew ***għall-konverżjoni ta' strumenti*** kapitali u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ***kif imsemmi fl-Artikolu*** 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.;	1. Qabel ***jieħu azzjoni dwar ir-riżoluzzjoni jew qabel jeżerċita s-setgħa għal valwazzjoni*** negattiva jew ***il-konverżjoni tal-istrumenti*** kapitali ***rilevanti*** u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ***f'konformità mal-Artikolu*** 21(1), il-Bord għandu jiżgura li titwettaq valwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta; entità kif imsemmija fl-Artikolu 2 minn persuna li tkun indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inklużi l-Bord u l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, u mill-entità kkonċernata.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Valwazzjoni hija meħtieġa biss ladarba l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tkun imminenti.

Emenda 265
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 22 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 20 - paragrafu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	18a. Il-valwatur indipendenti ma għandu jkollu l-ebda dmir jew responsabbiltà fil-konfront tal-azzjonisti jew il-krediturі tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u ma għandu jkollu l-ebda responsabbiltà fil-konfront ta' tali azzjonisti jew krediturі għal atti u ommissjonijiet meta jwettaq il-valwazzjoni, dment li l-att jew l-ommissjoni ma jimplikawx negliġenza gravi jew imġiba ħażina volontarja f'konformità mad-dritt nazzjonali li jaffettwa direttament id-drittijiet ta' tali azzjonisti jew krediturі.

Or. en

Emenda 266
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) wara li jitqies iż-żmien***, il-ħtieġa li***	(b) wara li jitqies iż-żmien u

jiġu implimentati b'mod effettiv is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni jew l-istrateġija ta' riżoluzzjoni għall-grupp ta' riżoluzzjoni u ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe azzjoni, inklużi miżuri alternattivi tas-settur privat, azzjoni superviżorja jew miżuri ta' intervent bikri, minbarra l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fil-paragrafu 7a, tipprevjeni l-falliment ta' dik l-entità jew ta' dak il-grupp f'perjodu ta' żmien raġonevoli.;

ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe azzjoni, inklużi miżuri alternattivi tas-settur privat, azzjoni superviżorja jew miżuri ta' intervent bikri, minbarra l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fil-paragrafu 7a, tipprevjeni l-falliment ta' dik l-entità jew ta' dak il-grupp f'perjodu ta' żmien raġonevoli.;

Or. en

Emenda 267
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) wara li jitqies iż-żmien***, il-ħtieġa li jiġu implimentati b'mod effettiv is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni jew l-istrateġija ta' riżoluzzjoni għall-grupp ta' riżoluzzjoni*** u ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe azzjoni, inklużi miżuri alternattivi tas-settur privat, azzjoni superviżorja jew miżuri ta' intervent bikri, minbarra l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fil-paragrafu 7a, tipprevjeni l-falliment ta' dik l-entità jew ta' dak il-grupp f'perjodu ta' żmien raġonevoli.;	(b) wara li jitqies iż-żmien u ċirkostanzi rilevanti oħrajn, ma jkun hemm l-ebda prospett raġonevoli li kwalunkwe azzjoni, inklużi miżuri alternattivi tas-settur privat, azzjoni superviżorja jew miżuri ta' intervent bikri, minbarra l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmijin fil-paragrafu 7a, tipprevjeni l-falliment ta' dik l-entità jew ta' dak il-grupp f'perjodu ta' żmien raġonevoli.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

According to current law, an institution can be considered no longer viable if (among other prerequisites) the failure cannot be averted within a reasonable timeframe by other measures, including alternative measures by the private sector or supervisory authorities, than a write-down carried out individually or together with a resolution measure. It is not clear why the feasibility of the wind-down strategy should play a role in this assessment in the future. When assessing whether a write-down or conversion of relevant capital instruments and eligible liabilities is necessary at all, the wind-down strategy should not be a criterion, as it becomes irrelevant in the event of a successful avoidance of default.

Emenda 268
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) fl-Artikolu 22(4), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jqis il-kombinazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni li hija l-aktar adatta għall-ilħuq tal-objettivi ta' riżoluzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jiġu inċentivati biex iqisu l-użu ta' diversi għodod ta' riżoluzzjoni flimkien bħala parti mill-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta, peress li l-għodod ta' trasferiment jistgħu jikkomplementaw ir-rikapitalizzazzjoni interna b'mod utli sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' riżoluzzjoni aħjar fil-waqt li tiġi minimizzata l-qerda tal-valur.

Emenda 269
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 23a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:
	(a) jiżdied it-tielet paragrafu li ġej:
	L-iskema ta' riżoluzzjoni għandha tispjega l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu mill-Bord fir-rigward tal-impriża prinċipali tal-Unjoni jew entitajiet partikolari tal-grupp stabbiliti fl-Istati Membri fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni dwar l-għoti ta' bonuses ta' ġestjoni, id-distribuzzjoni ta' dividendi jew ix-xiri ta' ishma proprji.

Or. pt

Emenda 270
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament***, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE***	(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament;

meta rilevanti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalhekk, kwalunkwe tnaqqis tal-limitu ta' 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji idgħajjef l-idea ċentrali li l-kondiviżjoni tal-piżijiet hija s-sors primarju ta' finanzjament.

Emenda 271
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament***, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE meta rilevanti***;	(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 272
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament ***u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE meta rilevanti***;	(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 273
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 7 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta'	(a) kontribuzzjoni għall-assorbiment tat-telf u għar-rikapitalizzazzjoni ugwali għal ammont ta' mhux anqas minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali inklużi l-fondi proprji tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, imkejlin f'konformità mal-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(1) sa (15), tkun saret mill-azzjonisti, mid-detenturi ta'

strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE meta ***rilevanti***;	strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet oħrajn ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' tnaqqis, valwazzjoni negattiva, jew konverżjoni skont l-Artikolu 48(1) tad-Direttiva 2014/59/UE u l-Artikolu 21(10) ta' dan ir-Regolament, u permezz tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 79 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE meta ***applikabbli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-forma ta' tranżizzjoni li se tkun miftiehma, dan l-artikolu jeħtieġ li jirrikonoxxi li t-tranżizzjoni se tkun soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.

Emenda 274
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafi 9 u 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafi 9 u 10 huma ssostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***
"	
9. Il-Fond jista' jagħmel kontribuzzjoni minn riżorsi li jkunu nġabru permezz ta' kontribuzzjonijiet ex ante kif imsemmi fl-Artikolu 70 u li jkunu għadhom ma ntużawx, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	
(a) il-Fond ikun għamel kontribuzzjoni skont il-paragrafu 6 u jkun intlaħaq il-limitu ta' 5 % imsemmi fil-paragrafu 7, il-punt (b);	
(b) l-obbligazzjonijiet kollha li jikklassifikaw anqas minn depożiti, u li ma humiex eskluży minn	

rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

10. F'ċirkostanzi straordinarji, bħala alternattiva jew b'mod supplimentari għall-kontribuzzjoni tal-Fond imsemmija fil-paragrafu 9, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 9, il-Bord jista' jfittex aktar finanzjament minn sorsi alternattivi ta' finanzjament.;

"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan qed ikompli jżid il-kostijiet potenzjali għall-SRF barra miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali. Dan ma huwiex meħtieġ biex taħdem it-tranżizzjoni. Dan ma huwiex f'konformità mal-ġerarkija tad-depożitanti f'każ li ma jinżammx livell wieħed.

Emenda 275
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 9– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-obbligazzjonijiet kollha li jikklassifikaw anqas minn depożiti, u li ma humiex eskluż minn rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.	(b) l-obbligazzjonijiet kollha li jikklassifikaw anqas minn depożiti ***koperti u bl-imnut***, u li ma humiex eskluż minn rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 276
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 9– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***li jikklassifikaw anqas minn*** depożiti***, u li ma humiex eskluży minn rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5,*** ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.	(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***mhux garantiti u mhux ippreferuti għajr*** depożiti ***eliġibbli*** ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 277
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 9– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***li jikklassifikaw anqas minn*** depożiti***, u li ma humiex eskluży minn rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5***, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.	(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***mhux garantiti u mhux ippreferuti għajr*** depożiti ***eliġibbli***, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 278
Eero Heinäluoma

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 27 – paragrafu 9– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***li jikklassifikaw anqas minn*** depożiti***, u li ma humiex eskluży minn rikapitalizzazzjoni interna skont il-paragrafi 3 u 5***, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.	(b) l-obbligazzjonijiet kollha ***mhux garantiti u mhux ippreferuti għajr*** depożiti ***eliġibbli***, ġew ivvalwati negattivament jew ikkonvertiti bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 279
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 24a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 29a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:
	(a) Artikolu 29a (Trasparenza)
	Il-Fond għandu jippubblika rapporti regolari dwar ir-ripagament ta' riżorsi pubbliċi pprovduti fl-ambitu ta' strument ta' riżoluzzjoni b'informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar l-ammont totali pprovdut, l-ammonti mħallsa lura u l-perjodu ta' żmien għal ripagamenti futuri.

Or. pt

Emenda 280
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(26a) fl-Artikolu 31(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, il-Bord jista' jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jippreżentaw lill-Bord l-informazzjoni kollha meħtieġa, miksuba minnhom ***skont l-Artikolu 11 u l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, bla ħsara għall-Kapitolu 5 ta' dan it-Titolu***.	***"Il-kooperazzjoni rigward il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha titwettaq f'konformità mal-Artikolu 11 u l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 5 ta' dan it-Titolu. F'dak il-qafas u*** għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni, il-Bord***:***
	(a) jista' jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jippreżentaw lill-Bord l-informazzjoni kollha meħtieġa, miksuba minnhom;
	(b) għandu, fuq talba minn awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni ta' Stat Membru parteċipanti, jipprovdi lil dik l-awtorità bi kwalunkwe informazzjoni li hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti ta' dik l-awtorità skont dan ir-Regolament."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kooperazzjoni insuffiċjenti fl-SRM (SRB u NRAs) hija tħassib li għandhom il-biċċa l-kbira tal-NRAs matul il-Konsultazzjoni ta' Rieżami Strateġiku mnedija mill-SRB fl-2023. B'mod partikolari, huwa meħtieġ titjib rigward il-kwistjonijiet li ġejjin:- Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-SRB u l-NRAs,- Assoċjazzjoni tal-NRAs fil-gruppi u sottogruppi tekniċi rilevanti meta l-SRB jabbozza u jirrieżamina l-politiki ġenerali tiegħu. Konsultazzjoni mal-industrija xierqa qabel l-adozzjoni u reviżjoni tal-politiki ġenerali tal-SRB.

Emenda 281
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 30a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 45 – titolu u paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(30a) L-Artikolu 45 huwa emendat kif ġej:
	(a)it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Obbligu ta' rendikont	***"Trasparenza u*** obbligu ta' rendikont***";***
	(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"3a. Il-Bord għandu jippubblika l-linji gwida, l-istruzzjonijiet ġenerali, il-politiki jew in-noti ta' gwida kollha li jistabbilixxu politiki jew metodoloġiji ta' riżoluzzjoni li għandhom jiġu applikati fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni." ***"***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 282
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 50 – paragrafu 1 – punti qa u qb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(31a) fl-Artikolu 50(1), jiżdiedu l-punti li ġejjin:
	"(qa) jadotta regoli biex jiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni jiġu kkonsultati u jkunu kapaċi jikkontribwixxu għal kwalunkwe politika jew gwida adottata mis-sessjoni eżekuttiva li se jikkontribwixxu biex jimplimentaw.
	(qb) jadotta regoli għall-organizzazzjoni ta' konsultazzjonijiet tal-industrija meta jkun xieraq qabel kwalunkwe deċiżjoni sostantiva mill-plenarja jew mis-sessjoni eżekuttiva ta' natura wiesgħa jew ġenerali."

Or. en

Ġustifikazzjoni

The association of NRAs in the relevant technical groups and subgroups when the SRB drafts and reviews itsgeneral policies, is essential to ensure consistent and effective implementation across the Banking Union. Industry consultations prior to any substantive decision would enhance cooperation and understanding of the sector. Policies and guidance should be tailored to banks' models to facilitate implementation. In addition, industry consultations address the need expressedby the banking sector for more detailed information in order to be able totailor capabilities further.

Emenda 283
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 56 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Persuna li sservi ***żewġ mandati*** bħala l-President, il-Viċi President jew membru msemmi fl-Artikolu 43(1), il-punt (b), ma għandhiex tkun eliġibbli għall-ħatra f'xi waħda miż-żewġ karigi l-oħrajn.;	Persuna li sservi bħala l-President, il-Viċi President jew membru msemmi fl-Artikolu 43(1), il-punt (b), ma għandhiex tkun eliġibbli għall-ħatra f'xi waħda miż-żewġ karigi l-oħrajn.;

Or. en

Emenda 284
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt c
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 56 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – punt 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fil-paragafu 6, l-ewwel sottoparagrafu, tiżdied is-sentenza li ġejja:	***imħassar***
"	

Il-Kummissjoni tista' torganizza l-ismijiet fil-lista qasira fl-ordni li tirrifletti l-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-adegwatezza ta' kull kandidat fid-dawl tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.;

"

Or. en

Emenda 285
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 56 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) fl-Artikolu 56, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
6. Wara li tisma' lill-Bord, fis-sessjoni plenarja tiegħu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'lista mqassra ta' kandidati għall-pożizzjonijiet ta' President, Viċi President u membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b) u għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-lista mqassra. ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-ħatra tal-ewwel membri tal-Bord wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lista mqassra ta' kandidati bla ma tisma' lill-Bord.*** Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-ħatra tal-President, il-Viċi President u l-membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-proposta, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni implimentattiva biex jaħtar lill-President, il-Viċi President u l-membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b). Il-Kunsill għandu	"6. Wara li tisma' lill-Bord, fis-sessjoni plenarja tiegħu, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Parlament Ewropew b'lista mqassra ta' kandidati ***b'bilanċ bejn il-ġeneri*** għall-pożizzjonijiet ta' President, Viċi President u membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b) u għandha tinforma lill-Kunsill dwar il-lista mqassra. ***Il-Parlament Ewropew jista' jorganizza seduti ta' smigħ tal-kandidati inklużi fuq dik il-lista ristretta. F'konformità mal-eżitu fil-Parlament Ewropew,*** il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta għall-ħatra tal-President, il-Viċi President u l-membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni. Wara l-approvazzjoni ta' dik il-proposta, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni implimentattiva biex jaħtar lill-President, il-Viċi President u l-membri msemmija fl-Artikolu 43(1)(b). Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

”

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 286
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt d
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 56 – paragrafu 6a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6a. Fid-9 xhur ta' qabel it-tmiem tal-ewwel mandat tal-President, tal-Viċi President u tal-membri msemmijin fl-Artikolu 43(1), il-punt (b), il-Kummissjoni għandha tevalwa r-riżultati miksubin fl-ewwel mandat u għandha tiddeċiedi jekk tressaqx proposta għat-tiġdid tal-mandat fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni.	***imħassar***
Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex jiġġedded il-mandat tal-President, tal-Viċi President u tal-membri msemmijin fl-Artikolu 43(1), il-punt (b). Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.	

Or. en

Emenda 287
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 34 – punt ea (ġdid)

Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 56 – paragrafu 8

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ea) fl-Artikolu 56, il-paragrafu 8 jitħassar.
8. President li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma għandux jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perijodu globali.	”
	”

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 288
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 69 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(35a) fl-Artikolu 69(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	“Meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu qabżu b'mod sinifikanti l-livell fil-mira għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni u tirrapporta dwar l-adegwatezza tal-introduzzjoni ta' possibbiltà ta' restituzzjoni ta' parti mill-mezzi finanzjarji disponibbli.”

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma tista' tibdel il-probabbiltà li banek żgħar u ta' daqs medju jkollhom aċċess għall-SGD / l-SRF. Din il-probabbiltà għandha tiġi riflessa fir-regoli tal-kontribuzzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-inċentivi ġusti fuq mudell ta' “min iniġġes iħallas”. Sakemm din tiġi rieżaminata, għandu jkun hemm waqfa fil-kontribuzzjonijiet, soġġetta għal limitu minimu xieraq.

Emenda 289
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 69 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk, wara l-perjodu inizjali msemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira speċifikat f'dak il-paragrafu, għandhom jinġabru kontribuzzjonijiet regolari kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 70 sakemm jintlaħaq il-livell ***fil-mira***. Il-Bord jista' jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari ġġenerati f'konformità mal-Artikolu 70 għal sena waħda (1) jew aktar sabiex jiżgura li l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond skont it-Taqsima 3. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien 6 snin.***;***	4. Jekk, wara l-perjodu inizjali msemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira speċifikat f'dak il-paragrafu, għandhom jinġabru kontribuzzjonijiet regolari kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 70 sakemm jintlaħaq il-livell ***li jikkorrispondi mal-livell fil-mira li jkun intlaħaq fi tmiem il-perjodu inizjali***. Il-Bord jista' jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari ġġenerati f'konformità mal-Artikolu 70 ***u għalhekk l-obbligi ta' rapportar*** għal sena waħda (1) jew aktar sabiex jiżgura li l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir ***min-naħa tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-istituzzjonijiet***, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond skont it-Taqsima 3. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien 6 snin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The purpose of this amendment is to clarify that the regular collection of contributions ends when the financial means of the Single Resolution Fund reaches the target level (1 % of the amount of covered deposits of all credit institutions authorised in all of the participating Member States) for the first time at the end of the initial period of time. The target level is not

“dynamic”. However, if the available financial means fall below the achieved target level, regular contributions shall be raised until a target level is reached that is equal to the target level that was reached at the end of the initial period of time.With regard to the Single Resolution Fund in particular, it should be noted: The level to be achieved by the end of 2023, around 78 billion euros, is already around 40% higher than the originally envisaged target level, which was previously considered sufficient. This increase has on no account been the result of an increase in the willingness of banks to take more risks – as noted by, among others, the SRB. It is solely due to an increase in covered deposits. By keeping this mandatory contribution in place, the fund would be considerably more overcapitalised than it already is today.The explicit clarification should be included in the legal text that the cost of the collection process include all costs at authorities and institutions. if only the costs of the collection process at the authorities were taken into account, a suspension of the levy would be unlikely. Furthermore, a suspension of the collection process should not only include the contributions themselves, but also the submission of the annual report for the calculation of the contributions. Otherwise the institutions would be burdened with unnecessary administrative effort.

Emenda 290
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 69 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Jekk,*** wara ***l-perijodu inizjali msemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell*** fil-mira ***speċifikat f’ dak il-paragrafu***, ***il-kontribuzzjonijiet*** regolari kkalkolati skont l-Artikolu 70 għandhom ***jinġabru*** sakemm ***jintlaħaq il-livell*** fil-mira***.*** Il-Bord ***jista’*** jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari ***ġġenerati f’konformità mal-Artikolu 70 għal sena waħda (1) jew aktar sabiex jiżgura li*** l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir, ***dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond skont it-Taqsima 3***. ***Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas***	4. Wara ***li l-livell*** fil-mira ***jintlaħaq għall-ewwel darba***, ***il-ġabra tal-kontribuzzjonijiet*** regolari kkalkolati skont l-Artikolu 70 għandhom ***ikunu soġġetti għall-modulazzjonijiet li ġejjin:***

minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien ***6*** snin.;

(a) sakemm ***il-mezzi finanzjarji disponibbli, netti minn kwalunkwe żborż, jonqsu taħt il-85 % tal-livell*** fil-mira, il-Bord ***għandu*** jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari***;***

(b) meta l-ammont li għandu jinġabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir, ***il-Bord għandu jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari***.

Barra minn hekk, it-tkomplija ta' kontribuzzjonijiet regolari wara l-posponiment imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi stabbilit f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien ***3*** snin.***"***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din ir-riforma tista' tibdel il-probabbiltà li banek żgħar u ta' daqs medju jkollhom aċċess għall-SGD / l-SRF. Din il-probabbiltà għandha tiġi riflessa fir-regoli tal-kontribuzzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-inċentivi ġusti fuq mudell ta' "min iniġġes iħallas". Sakemm din tiġi rieżaminata, għandu jkun hemm waqfa fil-kontribuzzjonijiet, soġġetta għal limitu minimu xieraq.

Emenda 291
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 36
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 69 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk, wara l-perjodu inizjali msemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira speċifikat f'dak il-paragrafu,	4. Jekk, wara l-perjodu inizjali msemmi fil-paragrafu 1, il-mezzi finanzjarji disponibbli jonqsu taħt il-livell fil-mira speċifikat f'dak il-paragrafu,

għandhom jingħabru kontribuzzjonijiet regolari kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 70 sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira. Il-Bord jista' jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari ġġenerati f'konformità mal-Artikolu 70 għal sena waħda (1) ***jew aktar*** sabiex jiżgura li l-ammont li għandu jingħabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond skont it-Taqsima 3. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien 6 snin.;

	għandhom jingħabru kontribuzzjonijiet regolari kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 70 sakemm jintlaħaq il-livell fil-mira. Il-Bord jista' jipposponi l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet regolari ġġenerati f'konformità mal-Artikolu 70 għal sena waħda (1) sabiex jiżgura li l-ammont li għandu jingħabar jilħaq ammont li jkun proporzjonat għall-kostijiet tal-proċess tal-ġbir, dment li tali differiment ma jaffettwax materjalment il-kapaċità tal-Bord li juża l-Fond skont it-Taqsima 3. Wara li jkun intlaħaq il-livell fil-mira għall-ewwel darba u meta l-mezzi finanzjarji disponibbli jkunu sussegwentement tnaqqsu għal anqas minn żewġ terzi tal-livell fil-mira, dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti li jintlaħaq il-livell fil-mira fi żmien 6 snin.;

Or. en

Emenda 292
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu biex jintlaħaq il-livell immirat speċifikat fl-Artikolu 69 jistgħu jinkludu impenji ta' pagamenti irrevokabbli li huma kompletament sostnuti b'kollateral ta' assi b'riskju baxx mhux ostakolati b'xi drittijiet ta' parti terza, għad-dispożizzjoni ħielsa u allokati għall-użu esklużiv tal-Bord għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 76(1). Is-sehem ta' dawk l-impenji irrevokabbli ta' pagament ma għandhomx jaqbżu ***l-50*** % tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet miġburin f'konformità ma' dan l-Artikolu. F'dak il-	3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu biex jintlaħaq il-livell immirat speċifikat fl-Artikolu 69 jistgħu jinkludu impenji ta' pagamenti irrevokabbli li huma kompletament sostnuti b'kollateral ta' assi b'riskju baxx mhux ostakolati b'xi drittijiet ta' parti terza, għad-dispożizzjoni ħielsa u allokati għall-użu esklużiv tal-Bord għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 76(1). Is-sehem ta' dawk l-impenji irrevokabbli ta' pagament ma għandhomx jaqbżu ***t-30*** % tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet miġburin f'konformità ma' dan l-Artikolu. F'dak il-

limitu, il-Bord għandu jiddetermina kull sena s-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jingħabru f'konformità ma' dan l-Artikolu.;	limitu, il-Bord għandu jiddetermina kull sena s-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jingħabru f'konformità ma' dan l-Artikolu.;

Or. en

Emenda 293
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira speċifikat fl-Artikolu ***69*** jistgħu jinkludu impenji ta' pagamenti irrevokabbli li huma kompletament sostnuti b'kollateral ta' assi b'riskju baxx mhux ostakolati b'xi drittijiet ta' parti terza, għad-dispożizzjoni ħielsa u allokati għall-użu esklużiv tal-Bord għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 76(1). Is-sehem ta' dawk l-impenji irrevokabbli ta' pagament ***ma għandhomx jaqbżu l-50*** % tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet miġburin f'konformità ma' dan l-Artikolu. ***F'dak il-limitu,*** il-Bord għandu jiddetermina kull sena s-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jingħabru f'konformità ma' dan l-Artikolu.***;***	3. Il-mezzi finanzjarji disponibbli li għandhom jitqiesu sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira speċifikat fl-Artikolu ***102*** jistgħu jinkludu impenji ta' pagamenti irrevokabbli li huma kompletament sostnuti b'kollateral ta' assi b'riskju baxx mhux ostakolati b'xi drittijiet ta' parti terza, għad-dispożizzjoni ħielsa u allokati għall-użu esklużiv tal-Bord għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 76(1). Is-sehem ta' dawk l-impenji irrevokabbli ta' pagament ***għandu jkun 50*** % tal-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet miġburin f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-Bord għandu jiddetermina kull sena s-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli fl-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet li għandhom jingħabru f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex iżżid is-sehem ta' impenji ta' pagament irrevokabbli hija, fil-prinċipju, idea tajba, madankollu d-deċiżjoni biex dan jingħata u dwar l-ammont tas-sehem tal-IPC jibqa' soġġett għad-diskrezzjoni tal-Bord. Sabiex jittejbu l-kapaċitajiet ta' ppjanar, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom dejjem l-opzjoni li jużaw l-IPCs għal ammont ta' 50 %.

Emenda 294
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 70 – paragrafu 3a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta istituzzjoni jew entità ma tibqax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ***tal-Artikolu 2 u ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu jeżerċita*** l-impenji ta' pagament irrevokabbli ***magħmulin skont il-paragrafu 3 u li jkunu għadhom dovuti***. ***Jekk il-kontribuzzjoni marbuta mal-impenn ta' pagament irrevokabbli titħallas kif xieraq mal-ewwel eżerċitar, il-Bord għandu jħassar l-impenn u jirritorna l-kollateral. Jekk il-kontribuzzjoni ma titħallasx kif xieraq mal-ewwel eżerċitar, il-Bord għandu jissekwestra l-kollateral u jħassar l-impenn.***;	Meta istituzzjoni jew entità ma tibqax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ***ta' dan ir-Regolament*** l-impenji ta' pagament irrevokabbli ***għandhom jitħassru u l-kollateral li jappoġġa dawn l-impenji għandu jiġi rritornat l-aktar tard sentejn wara li l-entità tkun ħarġet mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi jingħata żmien lill-SRF biex jimponi kontribuzzjonijiet ġodda biex jimla l-lakuna, ir-ritorn tal-kollateral ma jwassalx għal tnaqqis fil-mezzi finanzjarji disponibbli tal-SRF. Tali kjarifika tippreżerva wkoll l-ispeċifiċità tal-IPC fejn tista' ma tiġix ttrattata bħala spiża fil-profitt u t-telf tal-banek.

Emenda 295
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 37 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 70 – paragrafu 3a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta istituzzjoni jew entità ma tibqax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 u ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu ***jeżerċita*** l-impenji ta' pagament irrevokabbli magħmulin skont il-paragrafu 3 ***u li jkunu għadhom dovuti***. ***Jekk il-kontribuzzjoni marbuta mal-impenn ta' pagament irrevokabbli titħallas kif xieraq mal-ewwel eżerċitar, il-Bord għandu jħassar l-impenn u jirritorna l-kollateral***. ***Jekk il-kontribuzzjoni ma titħallasx kif xieraq mal-ewwel eżerċitar, il-Bord għandu jissekwestra l-kollateral u jħassar l-impenn.;***	Meta istituzzjoni jew entità ma tibqax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2 u ma tibqax soġġetta għall-obbligu li tħallas kontribuzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu ***jirritorna*** l-impenji ta' pagament irrevokabbli magħmulin skont il-paragrafu 3 ***hekk kif l-istanza ta' kontribuzzjoni regolari sussegwenti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tkun irrikostitwiet il-Fond sal-livell fil-mira.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tiżgura li l-aġġustament tal-qafas għall-IPCs (eż. rigward ir-redditu tal-IPC) ma jibdilx it-trattament tal-kontabilità kurrenti tagħhom.

Emenda 296
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 76 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ga) meta l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tagħmel kontribuzzjoni skont l-Artikolu 79(1) u meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet applikabbli, biex tikkontribwixxi għall-ammont meħtieġ biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament li jifdal wara l-kontribuzzjoni tal-SGD għat-8 % ta' TLOF; f'dan il-każ, il-

kontribuzzjoni magħmula mill-Fond għandha tiġi rimborżata bis-sħiħ mill-SGD f'massimu ta' sitt snin;

Or. en

Ġustifikazzjoni

GĦAŻLA 1: Tranżizzjoni fl-appoġġ tal-likwidità lill-SGD: (Livell baxx ta' ambizzjoni fil-pakkett ta' CDMI għall-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kriżijiet) : Jeħtieġ li jkun hemm referenza ċara għal dan il-każ ta' użu ġdid tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni f'dan l-Artikolu skont id-disinn tat-tranżizzjoni. Jeħtieġ li jsir ukoll rieżami tar-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ikun għadu effettiv wara d-dħul fis-seħħ tar-riforma tas-CMDI.

Emenda 297
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 76 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ga) meta l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tagħmel kontribuzzjoni skont l-Artikolu 79(1) u meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet applikabbli, biex tikkontribwixxi għall-ammont meħtieġ biex jingħalaq id-distakk fil-finanzjament li jifdal wara l-kontribuzzjoni tal-SGD għat-8 % ta' TLOF;

Or. en

Ġustifikazzjoni

GĦAŻLA 2 : Tranżizzjoni fil-kondiviżjoni tas-self bejn l-SGD u l-RF/SRF: (Livell għoli ta' ambizzjoni fil-pakkett ta' CDMI għall-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kriżijiet) : Jeħtieġ li jkun hemm referenza ċara għal dan il-każ ta' użu ġdid tal-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni f'dan l-Artikolu skont id-disinn tat-tranżizzjoni. Jeħtieġ li jsir ukoll rieżami tar-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas ikun għadu effettiv wara d-dħul fis-seħħ tar-riforma tas-CMDI.

Emenda 298
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 76 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta l-għodod ta' riżoluzzjoni msemmijin fl-Artikolu 22(2), il-punt (a) jew (b), jintużaw għat-trasferiment ta' parti biss mill-assi, mid-drittijiet jew mill-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, il-Bord għandu jkollu pretensjoni kontra l-entità residwa għal kwalunkwe spiża u telf imġarrab mill-Fond bħala riżultat ta' kwalunkwe kontribuzzjoni magħmula għar-riżoluzzjoni skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu b'rabta ma' telf li l-krediturikieku kienu jġarrbu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pretensjonijiet tal-Bord stabbiliti hawn u l-pożizzjoni preferenzjali tagħhom fi proċedimenti ta' insolvenza probabbilment se jwasslu għal telf tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u għall-eżawriment finanzjarju tagħhom b'mod regolari. Dan se jwassal għal telf ta' fiduċja min-naħa tad-depożitanti.

Emenda 299
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 76 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-pretensjonijiet tal-Bord imsemmijin fil-paragrafu 5 ta' dan l-	***imħassar***

Artikolu u fl-Artikolu 22(6) għandu, f'kull Stat Membru parteċipanti, ikollhom l-istess gradazzjoni ta' prijorità bħall-pretensjonijiet tal-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni fid-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li jirregolaw proċedimenti normali ta' insolvenza skont l-Artikolu 108(9) tad-Direttiva 2014/59/UE.;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pretensjonijiet tal-Bord stabbiliti hawn u l-pożizzjoni preferenzjali tagħhom fi proċedimenti ta' insolvenza probabbilment se jwasslu għal telf tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u għall-eżawriment finanzjarju tagħhom b'mod regolari. Dan se jwassal għal telf ta' fiduċja min-naħa tad-depożitanti.

Emenda 300
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 40 – punt b
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 76 - paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirraporta, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-adegwatezza tar-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet għall-Fond. Ir-rapport għandu jqis ir-riformi fil-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet, u jivvaluta jekk dawn il-bidliet jitolbux rieżami tar-regoli li jirregolaw il-kontribuzzjonijiet għall-arranġament ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni sabiex tiġi ppreżervata l-effettività tal-inċentivi tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva.";

Or. en

Ġustifikazzjoni

GĦAŻLIET 1 U 2

Emenda 301
Engin Eroglu

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) L-Artikolu 79 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
[…]	

Or. en

Ġustifikazzjoni

The proposed change of the current use of deposit guarantee schemes in the context of resolution is to be rejected. Otherwise, the financial contributions of deposit guarantee schemes for resolutions will be increased significantly in terms of frequency and amount of co-financing required. The use of deposit guarantee scheme funds for resolution measures is to be made standard, despite the fact that this is inappropriate and unnecessary.In addition, extending the scope of protection to include uncovered and unprotected deposits in resolution gives wholesale investors a free pass. This contradicts the mandate of the deposit protection scheme, which is to protect depositors in the event that a bank becomes insolvent by reimbursing up to 100,000 EUR of money deposited with the bank in question.

Emenda 302
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li meta l-Bord jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta'	***imħassar***

istituzzjoni ta' kreditu, dment li tali azzjoni tiżgura li d-depożitanti jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li d-depożitanti jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Or. en

Emenda 303
Markus Ferber, Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li meta l-Bord jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, dment li tali azzjoni tiżgura li d-depożitanti jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li d-depożitanti jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-approċċ ta' "tnaqqis tad-distakk" jimmina l-prinċipju ewlieni li t-telf għandu primarjament jiġġarrab mill-azzjonisti u mbagħad tal-kredituri ta' bank inadempjenti. It-"tnaqqis tad-distakk" ma huwiex meħtieġ peress li r-rekwiżiti tal-MREL jiżguraw finanzjament ta' riżoluzzjoni suffiċjenti.

Emenda 304
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li meta l-Bord jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, dment li tali azzjoni tiżgura li ***d-depożitanti*** jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li ***d-depożitanti*** jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.	1. L-Istati Membri parteċipanti għandhom jiżguraw li meta l-Bord jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu, dment li tali azzjoni tiżgura li ***persuni fiżiċi u intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju*** jkomplu jkollhom aċċess għad-depożiti tagħhom, sabiex jiġi evitat li jġarrbu telf, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti li magħha tkun affiljata dik l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkontribwixxi għall-finijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rigward l-objettivi tar-riżoluzzjoni, korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu trattati aħjar minn klijenti oħrajn. Barra minn hekk, l-SRB għandu jkun inkarigat mill-approvazzjoni tal-LCT (bħala parti mill-iskema ta' riżoluzzjoni) meta l-Fond ikun jista' jintuża inkluż permezz tal-funzjoni ta' "tranżizzjoni".

Emenda 305
Joachim Schuster

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord għandu jiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-paragrafu 1 wara li jkun ikkonsulta l-	***imħassar***

iskema ta' garanzija tad-depożiti, u meta jkun neċessarju, l-awtorità dežinjata skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/49/UE, dwar il-kost stmat tar-ripagament lid-depożitanti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 306
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41 – punt a
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord għandu jiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-paragrafu 1 wara li jkun ***ikkonsulta l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, u meta jkun neċessarju, l-awtorità dežinjata skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/49/UE, dwar il-kost*** stmat tar-ripagament lid-depożitanti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.	2. Il-Bord għandu jiddetermina l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'konformità mal-paragrafu 1 wara li jkun ***iddetermina l-kost*** stmat tar-ripagament lid-depożitanti skont l-Artikolu 11e tad-Direttiva 2014/49/UE u f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament ***b'konsultazzjoni mal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, u meta meħtieġ mal-awtorità maħtura skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/49/UE***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rigward l-objettivi tar-riżoluzzjoni, korporazzjonijiet akbar ma għandhomx jiġu trattati aħjar minn klijenti oħrajn. Barra minn hekk, l-SRB għandu jkun inkarigat mill-approvazzjoni tal-LCT (bħala parti mill-iskema ta' riżoluzzjoni) meta l-Fond ikun jista' jintuża inkluż permezz tal-funzjoni ta' "tranżizzjoni".

Emenda 307
Pedro Marques, Aurore Lalucq, René Repasi, Jonás Fernández

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 79a
	Salvagwardja tal-kapaċità finanzjarja tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti
	1. Meta l-intervent ta' skema ta' garanzija tad-depożiti jkun meħtieġ fil-kuntest ta' riżoluzzjoni iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-intervent tagħha, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tista' titlob appoġġ mill-Bord.
	2. It-talba għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż:
	(a) in-nuqqas tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-finijiet tal-intervent speċifiku fir-riżoluzzjoni;
	(b) il-kundizzjonijiet offruti lill-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'arranġamenti alternattivi oħrajn ta' finanzjament;
	(c) it-tul mistenni tal-appoġġ mitlub.
	3. Malli jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi appoġġ ta' likwidità temporanju għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti rikjedenti, permezz tal-għoti ta' garanzija mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.
	4. Il-Bord fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, wara li jikkonsulta mal-Bord fis-sessjoni plenarja tiegħu, għandu jipprovdi l-garanzija għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti u t-termini applikabbli għall-forniment tagħha.
	5. Il-garanzija għandha tintuża mill-

iskema ta' garanzija tad-depożiti bħala kollateral għal arranġamenti alternattivi ta' finanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 10(9) tad-Direttiva 2014/49/UE, u b'hekk jiġi żgurat aċċess għas-swieq f'kundizzjonijiet aktar favorevoli.

6. L-EBA għandha tiżviluppa mudell komuni għall-finijiet tal-paragrafu 2, u metodoloġija biex tistabbilixxi kif il-Bord jiddefinixxi t-termini applikabbli għall-provvedimenti ta' garanziji, skont il-paragrafu 4."

Or. en

Emenda 308
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 79a
	Rapportar dwar ir-riżoluzzjoni tal-likwidità
	Sal-31 ta' Diċembru 2024 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-"likwidità fir-riżoluzzjoni".
	Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn bank ta' riżoluzzjoni b'kollateral li jifdal li jkun insuffiċjenti b'mod temporanju jsibha diffiċli biex jerġa' jaċċessa s-swieq u/jew jistabbilizza l-fluss ta' depożiti, u bħala riżultat jibqa' jiffaċċja nuqqas ta' likwidità għalkemm ikun ġie rikapitalizzat kif xieraq matul it-tmiem il-ġimgħa tar-riżoluzzjoni.
	F'tali każ, skont id-daqs tal-bank ikkonċernat, il-Fond, flimkien mal-

garanzija ta' kontinġenza tal-MES, jista' ma jkollux biżżejjed mezzi biex jipprovdi l-ammont ta' rifinanzjament temporanju adegwat, peress li tali xbieki ta' sikurezza ġew ikkalibrati f'konformità ma' ħtieġa ta' rikapitalizzazzjoni u mhux ma' ħtieġa ta' rifinanzjament.

Għalhekk, ir-rapport għandu jeżamina jekk tali sitwazzjonijiet jikkorrispondux għal strument nieqes fis-sett ta' għodod ta' riżoluzzjoni, u x'jista' jkun l-aktar mod effiċjenti biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, filwaqt li jitqies dak li jagħmlu ġurisdizzjonijiet oħrajn.

Ir-rapport għandu jippreżenta għażliet ta' politika konkreti. Ir-rapport għandu jesplora, b'mod partikolari, għażla li tgħaqqad flimkien dispożizzjoni ta' likwidità mill-BĊE biex tiżgura qawwa suffiċjenti, ma' garanzija pprovduta mill-baġit tal-UE sabiex jintlaħqu l-kriterji kollaterali tal-BĊE, sostnuti minn kontrogaranzija pprovduta mill-Fond sabiex tiżgura li kwalunkwe telf fl-aħħar mill-aħħar jiġġarrab mis-settur bankarju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Episodji ta' kriżijiet reċenti wrew l-iskala tal-ħtiġijiet ta' rifinanzjament possibbli ta' bank ta' riżoluzzjoni. Jidher li ma huwiex ekonomikament effiċjenti li tali ħtiġijiet ta' finanzjament potenzjali jiġu ffinanzjati minn qabel fix-xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija. Fl-istess mod, huwa s-settur bankarju li għandu jħallas għal kull telf li jista' jiġġarrab fuq tali dispożizzjonijiet ta' rifinanzjament temporanju, bħal kif għal kull intervent ieħor ta' fondi. Il-Kummissjoni għandha tesplora għażliet li jistgħu jissodisfaw dawn id-diversi ostakoli.

Emenda 309
Fabio Massimo Castaldo

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 79a
	Salvagwardja tal-kapaċità finanzjarja tal-iskemi ta' garanzija tad-depożiti
	1. Meta l-intervent ta' skema ta' garanzija tad-depożiti jkun meħtieġ fil-kuntest ta' riżoluzzjoni iżda l-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet tal-intervent tagħha, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tista' titlob appoġġ mill-Bord.
	2. It-talba għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż:
	(i) in-nuqqas tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti għall-finijiet tal-intervent speċifiku fir-riżoluzzjoni;
	(ii) il-kundizzjonijiet offruti lill-iskema ta' garanzija tad-depożiti f'arranġamenti alternattivi oħrajn ta' finanzjament;
	(iii) it-tul mistenni tal-appoġġ mitlub.
	3. Malli jirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi appoġġ ta' likwidità temporanju għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti rikjedenti, permezz tal-għoti ta' linja ta' kreditu jew ta' garanzija mill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.
	4. Il-Bord fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, wara li jikkonsulta mal-Bord fis-sessjoni plenarja tiegħu, għandu jipprovdi l-appoġġ għall-iskema ta' garanzija tad-depożiti u t-termini applikabbli għall-forniment tagħha.
	5. Il-garanzija għandha tintuża mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti bħala kollateral għal arranġamenti alternattivi ta' finanzjament kif imsemmi fl-Artikolu 10(9) tad-Direttiva 2014/49/UE, u b'hekk jiġi żgurat aċċess għas-swieq f'kundizzjonijiet aktar favorevoli."

Emenda 310
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 79b
	Rapportar dwar mekkaniżmu ta' trasferiment ta' telf intern
	Sal-31 ta' Diċembru 2024, fil-kuntest tat-tkomplija tad-diskussjonijiet dwar l-Unjoni Bankarja, il-Kummissjoni għandha tirrapporta, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-effettività u l-ambitu tal-mekkaniżmu tat-trasferiment tat-telf intern fil-gruppi ta' riżoluzzjoni li jirriżultaw mir-riforma tal-qafas dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet.
	B'mod partikolari, ir-rapport għandu jqis l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-riżoluzzjoni għal entitajiet li huma iżgħar, il-livell ta' konformità mal-miri interni tal-MREL, l-implimentazzjoni tar-regoli tat-tnaqqis il-ġodda, u l-bidliet fil-kundizzjonijiet għall-aċċess għax-xbieki ta' sikurezza ffinanzjati mill-industrija, b'mod partikolari l-fond uniku ta' riżoluzzjoni.
	Il-Kummissjoni għandha mbagħad tivvaluta jekk din is-sitwazzjoni tirriżultax f'mekkaniżmi ta' solidarjetà kredibbli u effiċjenti biżżejjed fil-gruppi ta' riżoluzzjoni, fost entitajiet allokati għar-riżoluzzjoni, għall-għoti ta' tneħħija ta' likwidità materjali b'mod aktar sistematiku lil tali entitajiet, jew jekk għandhomx jiġu introdotti aktar

salvagwardji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Any waiver must come hand in hand with adequate safeguards. Liquidity waivers exist but are not being widely used. This situation has not been affected by the entry into force of the crisis management framework, although this framework has created solidarity within resolution groups via functioning loss sharing / recapitalisationmechanisms among entities earmarked for resolution. This is being further reinforced by the present review. The Commission should, as part of the broader Banking Union discussion, assess to what extent this framework delivers appropriate solidarity that could warrant granting more systematically material liquidity waivers to entities earmarked for resolution within resolution groups or whether there needs to be additonal safeguards.

Emenda 311
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Kapitolu 2a – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(41a) jiddaħħal il-Kapitolu 2a li ġej:
	Kapitolu 2a
	KOSTITUZZJONI TAL-FOND TA' ASSIGURAZZJONI TAD-DEPOŻITI

Or. en

Emenda 312
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Taqsima 1 – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Taqsima 1
	Stabbiliment u użu ta' fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti

Or. en

Emenda 313
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79a
	Dispożizzjonijiet ġenerali
	1. Il-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (DIF) huwa b'dan stabbilit.
	Dan għandu jimtela b'mod gradwali mit-trasferiment tal-kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet tal-kreditu minn SGD parteċipanti.
	2. Il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandhom jilħqu livell fil-mira inizjali ta' 20 % tal-livelli fil-mira totali li l-SGD parteċipanti għandha tilħaq skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/49/UE. Il-Bord għandu jiddetermina l-ammont ta' mezzi finanzjarji li kull SGD parteċipanti għandha tittrasferixxi kull sena lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, sabiex il-fond jilħaq il-livell fil-mira inizjali tiegħu sa [dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju + sentejn], f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 79b.

3. Il-Bord għandu juża l-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti sabiex jipprovdi finanzjament lill-SGD parteċipanti biex tkopri n-nuqqasijiet ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/49/UE. Il-Bord jista' jagħti wkoll aċċess għal-linja ta' kreditu tal-UE lil SGD parteċipanti li, wara intervent magħmul f'konformità mal-Artikolu 11 (1), (2), (3) jew (5) tad-Direttiva 2014/49/UE, tkun żborżat matul is-sena li għaddiet ammont ugwali jew akbar minn 75 % tal-livell fil-mira tagħha.

4. Is-sid tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandu jkun il-Bord. L-attivitajiet tal-Bord taħt dan ir-Regolament fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jinvolvu r-responsabbiltà baġitarja tal-Istati Membri.

5. Il-Fond ma għandux ikopri telf ta' SGD parteċipanti qabel ma l-Kummissjoni tkun ipprovdiet ir-rapport tagħha msemmi fl-Artikolu 94(4). Il-baġit tal-Unjoni jew il-baġits nazzjonali fl-ebda ċirkostanza ma għandhom jinżammu responsabbli għal spejjeż jew telf tal-Fond.

Or. en

Emenda 314
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79b
	Kontribuzzjonijiet għall-fond
	1. L-ammont li l-SGD parteċipanti

għandha tittrasferixxi lill-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti f'konformità mal-Artikolu 79a għandu jiġi kkalkolat abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq ir-riskju li tirrifletti r-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Istat Membru tal-SGD parteċipanti relatati mal-Unjoni Bankarja.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 93 sabiex tispeċifika metodu bbażat fuq ir-riskju meta tikkalkola l-kontribuzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq l-ammont ta' depożiti koperti u l-grad ta' riskju mġarrab minn kull istituzzjoni ta' kreditu b'rabta mal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fl-ambitu tal-Bord. L-att delegat għandu jinkludi, fost l-oħrajn, formula ta' kalkolu u indikaturi speċifiċi. Il-metodoloġija għandha tal-inqas tqis il-kriterji li ġejjin:

(a) il-livell ta' kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-istituzzjoni;

(b) il-ħila tal-istituzzjoni biex tissodisfa l-obbligi fuq perjodu qasir u twil;

(c) l-istabbiltà u l-varjetà tas-sorsi ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet u l-assi likwidi ħafna mhux gravati u l-grad li fih l-assi tal-istituzzjoni jiġu gravati;

(d) il-kontribuzzjoni tal-istituzzjoni għar-riskji sistematiċi globali u d-daqs, il-kumplessità u l-grad ta' interkonnessjoni tagħha mal-istituzzjonijiet l-oħra u l-faċilità li biha l-funzjonijiet kritiċi tagħha jistgħu jiġu segregati minn funzjonijiet oħra;

(e) il-kwalità tal-assi tal-istituzzjoni, b'mod partikolari l-proporzjon ta' skoperturi li ma jrendux, huma definiti fl-Artikolu 47a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(f) il-mudell kummerċjali u l-ġestjoni tal-istituzzjoni, kif ukoll il-kumplessità

strutturali tal-grupp li tappartjeni għalih;

(g) il-livell ta' diversifikazzjoni tal-istituzzjoni tal-iskoperturi sovrani tagħha.

Or. en

Emenda 315
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Taqsima 2 – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Taqsima 2
	DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Or. en

Emenda 316
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79c
	Informazzjoni preliminari
	Meta SGD parteċipanti tkun ġiet infurmata mill-awtorità kompetenti, jew tkun diġà taf, dwar ċirkostanzi rigward istituzzjoni ta' kreditu affiljata ma' dik l-SGD parteċipanti li x'aktarx sejra tirriżulta f'event ta' żbarż jew fl-użu tagħha fi proċedimenti ta' riżoluzzjoni, din għandha tinforma lill-Bord dwar

ċirkostanzi bħal dawn mingħajr dewmien jekk tkun beħsiebha tuża l-linja ta' kreditu tal-UE. F'dan il-każ l-SGD parteċipanti għandha tipprovdi wkoll stima ta' nuqqas ta' likwidità mistenni jew bżonn ta' likwidità lill-Bord.

Or. en

Emenda 317
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79d
	Notifika
	1. Meta SGD parteċipanti tiffaċċja nuqqas ta' likwidità fil-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/49/UE, hija għandha tinnotifika immedjatament lill-Bord u tissottometti l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tippermetti lill-Bord jivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' finanzjament humiex issodisfati.
	2. L-SGD parteċipanti għandha tinforma lill-Bord b'mod partikolari dwar: (a) l-ammont ta' depożiti koperti tal-istituzzjoni tal-kreditu kkonċernata; (b) il-mezzi finanzjarji disponibbli tagħha fil-ħin tal-użu ta' miżuri preventivi jew alternattivi jew avveniment ta' żborż jew użu f'riżoluzzjoni; (c) f'każ ta' event ta' żborż, stima tal-kontribuzzjonijiet straordinarji li tista' tiġbor fi żmien tlett ijiem minn dak l-avveniment; (d) kwalunkwe ċirkostanza li tipprevjeniha milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt nazzjonali li jittrasponi d-Direttiva 2014/49/UE u r-

rimedji possibbli.

Or. en

Emenda 318
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79e
	Determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament
	1. Wara li jirċievi n-notifika skont l-Artikolu 79d, il-Bord għandu jiddeċiedi fi żmien 24 siegħa, fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu, li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-linja ta' kreditu tal-UE ġew issodisfati u għandu jiddetermina l-ammont ta' finanzjament li se jipprovdi lill-SGD parteċipanti.
	2. Il-Bord jinforma immedjatament lill-SGD parteċipanti dwar id-deċiżjoni tiegħu skont il-paragrafi 1. L-SGD parteċipanti tista' titlob rieżami tad-deċiżjoni tal-Bord fi żmien 24 siegħa wara li tiġi infurmata. Għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex tqis li emenda għad-deċiżjoni tal-Bord hija neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont ta' finanzjament. Il-Bord għandu jieħu deċiżjoni dwar it-talba sa 24 siegħa wara.

Or. en

Emenda 319
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41i (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 3 – titolu (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Taqsima 3
	Amministrazzjoni tal-linja ta' kreditu tal-UE

Or. en

Emenda 320
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79h
	Kompożizzjoni tal-Bord fil-kompożizzjoni tal-fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti
	1. Id-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-linja ta' kreditu tal-UE għandhom jiġu adottati mill-Bord fil-kompożizzjoni tal-fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti tiegħu.
	2. Il-Bord fil-kompożizzjoni tal-fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti għandu jkun magħmul mill-membri msemmija fl-Artikolu 43 u minn membru maħtur minn kull Stat Membru parteċipanti, li jirrappreżenta l-awtorità maħtura tagħhom.

Or. en

Emenda 321
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 41a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 79i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 79i
	Kompiti tal-Bord fil-kompożizzjoni tal-fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti
	1. Il-Bord fil-kompożizzjoni tal-fond ta' assigurazzjoni tad-depożiti għandu:
	a) jieħu deċiżjonijiet msemmija fl-Artikoli 79a, 79b u 79e ta' dan ir-Regolament;
	b) jipprovdi rapport annwali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-użu tal-linja ta' kreditu tal-UE u dwar il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-fond;
	c) iħejji rapport sa [dħul fis-seħħ + 18-il xahar] dwar il-fattibbiltà u l-modalitajiet tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kopertura tat-telf għal SGD parteċipanti.

Or. en

Emenda 322
Ernest Urtasun
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 93

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(43 a) L-Artikolu 93 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Artikolu 93	"Artikolu 93

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3) ***u*** l-Artikolu 75(4) hija mogħtija għal ***perijodu*** ta' żmien indeterminat mid-dati rilevanti msemmija fl-Artikolu 99.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura konsistenza bejn atti delegati adottati skont dan ir-Regolament u atti delegati adottati skont id-Direttiva 2014/59/UE.

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3) ***u*** l-Artikolu 75(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3) ***u*** l-Artikolu 75(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perijodu*** ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak ***il-perijodu***, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***ser*** joġġezzjonaw. Dak ***il-perijodu*** għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3)***,*** l-Artikolu 75(4) ***u l-Artikolu 79b(2)*** hija mogħtija għal ***perjodu*** ta' żmien indeterminat mid-dati rilevanti msemmija fl-Artikolu 99.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura konsistenza bejn atti delegati adottati skont dan ir-Regolament u atti delegati adottati skont id-Direttiva 2014/59/UE.

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3)***,*** l-Artikolu 75(4) ***u l-Artikolu 79b(2)*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19(8), l-Artikolu 65(5), l-Artikolu 69(5), l-Artikolu 71(3)***,*** l-Artikolu 75(4) ***u l-Artikolu 79b(2)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perjodu*** ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak ***il-perjodu***, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ***se*** joġġezzjonaw. Dak ***il-perjodu*** għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva

Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.
7. Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta atti delegati fejn iż-żmien għall-iskrutinju mill-Parlament Ewropew jonqos minħabba vaganza għal inqas minn ħames xhur, inkluża kwalunkwe estensjoni.	7. Il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta atti delegati fejn iż-żmien għall-iskrutinju mill-Parlament Ewropew jonqos minħabba vaganza għal inqas minn ħames xhur, inkluża kwalunkwe estensjoni.
	”

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 323
Pedro Marques, Costas Mavrides, Irene Tinagli, Jonás Fernández, Aurore Lalucq, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 94 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43 a) fl-Artikolu 94(1), jiżdied il-punt li ġej:
	(aa) l-interazzjoni bejn il-qafas eżistenti u l-istabbiliment tal-Iskema Ewropea ta’ Assigurazzjoni tad-Depożiti;

Or. en

Emenda 324
Ernest Urtasun
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 43b (ġdid)
Regolament (UE) Nru 806/2014
Artikolu 94 - paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43b) fl-Artikolu 94, jiżdied il-paragrafu li ġej:

3a. Sa [dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju + sentejn], il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Bord, għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-Fond ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti stabbilit skont l-Artikolu 79a.

Ir-rapport għandu mill-inqas jivvaluta:

(a) jekk u f'liema modalitajiet il-DIF jista' jipprovdi kopertura għat-telf lill-SGD nazzjonali;

(b) l-adegwatezza tal-livell immirat tal-DIF iddefinit fl-Artikolu 79a(2);

(c) l-introduzzjoni gradwali lejn fażi ta' kopertura tat-telf.

Meta xieraq, il-Kummissjoni għandha takkumpanja dan ir-rapport bi proposta leġiżlattiva.

"

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0806)

Emenda 325
Marco Zanni, Valentino Grant, Antonio Maria Rinaldi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika minn ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	Għandu japplika minn ... [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. en

Emenda 326
Irene Tinagli

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Perjodu tranżitorju
	1. L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta tagħhom se tinbidel skont id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 45e jew 45f tad-Direttiva 2014/59/UE jew ma' rekwiżiti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 45b(4), (5) jew (7) ta' dik id-Direttiva, kif xieraq, fi żmien ħames snin mill- id-data tal-approvazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni inkluża l-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta l-ġdida.
	2. Matul il-perjodu tranżitorju msemmi fil-paragrafu 1, fil-każijiet imsemmija fil-punt (b), fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 109 tad-Direttiva 2014/59/UE, meta t-trasferiment lir-riċevitur jinkludi depożiti li ma humiex depożiti koperti jew obbligazzjonijiet ta' kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, b'deroga mit-tieni subparagrafu ta' dak il-paragrafu, l-iskema ta' garanzija tad-depożiti għandha tikkontribwixxi għall-ammont meħtieġ biex tkopri d-differenza bejn il-valur tad-depożiti, inklużi depożiti li ma humiex koperti, ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna miżmuma minn klijenti bl-imnut, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt 11 tad-Direttiva 2014/65/UE, u tal-obbligazzjonijiet bl-istess klassifikazzjoni ta' prijorità jew ogħla minn depożiti u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li għandhom jiġu trasferiti lir-riċevitur.
	Or. en